



2024/1257

8.5.2024

REGOLAMENT (UE) 2024/1257 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-24 ta' April 2024

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 tiddefinixxi, bħala wieħed mis-sitt oġettivi tematiċi tal-Unjoni għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2030, il-kisba ta' tniġġis żero, inkluż fir-rigward ta' sustanzi kimiċi dannużi, sabiex jinkiseb ambjent mingħajr sustanzi tossiċi, inkluż għall-arja, l-ilma u l-ħamrija, kif ukoll fir-rigward tat-tniġġis tad-dawl u akustiku, u l-protezzjoni tas-saħħa u l-benessri tan-nies, l-annimali u l-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u impatti negattivi.
- (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, adottat f'komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019, huwa l-istrategġja tal-Unjoni biex tinbeda tranżizzjoni li għandha l-għan li tikseb, sa mhux aktar tard mill-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, li tottimażza l-ġestjoni tar-riżorsi u timminimizza t-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' politiki tasew trasformattivi. L-Unjoni hija impenjata wkoll li ssegwi l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. L-Istrategġja għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" adottat mill-Kummissjoni f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tat-trasport tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Miżuri partikolarment rilevanti oħra għal dik l-inizjattiva jinkludu, pereżempju, proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, l-Istrategġja Industrijali l-ġdida għall-Ewropa ppreżentata mill-Kummissjoni f'Marzu 2020, ir-reviżjoni

⁽¹⁾ ĠU C 228, 29.6.2023, p. 103.

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2024 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' April 2024.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

mir-Regolament (UE) 2023/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ u l-proposta għal revizzjoni tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi tqal ġodda stipulati fir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾.

- (3) Is-suq intern huwa żona li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Għal dak il-għan, ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾ introduċa sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.
- (4) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") jibqgħu armonizzati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent fl-Istati Membri kollha.
- (5) Biex t-tranżizzjoni għal mobilità mingħajr emissjonijiet tirnexxi, hemm bżonn ta' approċċ integrat u tal-ambjent adatt li jippermetti li tiġi stimulata l-innovazzjoni u tinżamm is-supremazija teknoloġika tal-Unjoni fis-settur tat-trasport bit-triq. Tali ambjent jinkludi investimenti pubbliċi u privati fir-riċerka u l-innovazzjoni, żieda fil-provvista ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, it-tnedija tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment, integrazzjoni fis-sistemi tal-enerġija, kif ukoll il-provvista sostenibbli ta' materjali u produzzjoni sostenibbli, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-batteriji fl-Unjoni. L-istabbiliment ta' ambjent bħal dan jeħtieġ azzjoni koerenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali.
- (6) Sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn mobilità nadifa waqt li l-Unjoni tiġi industrijalizzata mill-ġdid u jiġu appoġġati ċ-ċittadini tagħha, huwa essenzjali li l-prezzijiet tal-vetturi privati u kummerċjali jinżammu bi prezz affordabbli għall-individwi u n-negozji. Dan jgħin biex jinżammu l-kwalità tal-ħajja, il-kompetittività industrijali u l-innovazzjoni u jiġu appoġġati l-ħolqien ta' impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet fis-settur.
- (7) Jenħtieġ li tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment aċċettabbli u ġusta lejn mobilità mingħajr emissjonijiet. Huwa importanti, għalhekk, li jitqiesu l-effetti soċjali ta' tali tranżizzjoni tul il-katina kollha tal-valur tas-settur awtomobilistiku u li jiġu indirizzati b'mod proattiv l-implikazzjonijiet fuq l-impjiegi. Il-programmi mmirati fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali bħall-iżvilupp ta' pjani għal tranżizzjoni ġusta għal reġjuni dipendenti fuq is-settur awtomobilistiku għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta għat-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll inizjattivi ta' edukazzjoni u ta' tiftix ta' impjiegi f'komunitajiet u reġjuni affettwati b'mod ħażin, fi djalogu mill-qrib mas-sħab soċjali u l-awtoritajiet kompetenti. Bħala parti minn dik it-tranżizzjoni, jeħtieġ li jissaħħu l-impjiegi għan-nisa, kif ukoll l-oportunitajiet indaqs f'dak is-settur.
- (8) Dan ir-Regolament huwa att regolatorju separat għall-finijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE stipulata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2018/858, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-penali, kif ukoll il-mekkaniżmu robust tiegħu ta' infurzar tal-konformità, huma applikabbli bis-sħiħ.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (ĠU L 110, 25.4.2023, p. 5).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (9) Ilmenti sostanzjati mressqa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi jistgħu jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni kemm għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq kif ukoll għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni. F'dak il-kuntest, l-istabbiliment ta' proċessi sempliċi u proporzjonati li jippermettu lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi jippreżentaw ilmenti sostanzjati lill-awtoritajiet rispettivi meta jkollhom raġuni biex jemmnu li ma jkunx hemm konformità ma' dan ir-Regolament jista' jikkontribwixxi għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww l-ilmenti jitqiesu mill-awtoritajiet nazzjonali bħala fattur ta' riskju fid-deċiżjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq jew l-attivitajiet ta' konformità waqt is-servizz.
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet u rekwiżiti amministrattivi komuni dwar l-emissjonijiet mill-vetturi u d-durabbiltà tal-batterija, filwaqt li jenħtieġ li l-elementi tekniċi jiġu stabbiliti f'atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami.
- (11) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet bħalissa huma stipulati f'żewġ Regolamenti li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief u tqal rispettivament, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾ u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾.
- (12) L-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 f'Regolament wieħed tiżgura l-koerenza interna tas-sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal daww tqal, filwaqt li tippermetti limiti tal-emissjonijiet u proċeduri tal-ittestjar differenti għal tali vetturi.
- (13) Barra minn hekk, il-limiti attwali tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal ġew adottati fl-2009 abbażi tat-teknoloġija disponibbli dak iż-żmien. Minn dak iż-żmien 'il hawn, it-teknoloġija avvanzat u l-livell ta' emissjonijiet li jistgħu jinkisbu b'kombinament ta' teknoloġiji attwali huwa ħafna aktar baxx minn dak li seta' jinkiseb aktar minn 15-il sena ilu. Jenħtieġ li dak il-progress teknoloġiku jkun rifless fil-limiti tal-emissjonijiet ibbażati fuq it-teknoloġija mill-aktar avvanzata eżistenti u l-għarfien tal-kontrolli tat-tniġġis u għall-inkwinanti rilevanti kollha.
- (14) Fl-Unjoni, l-emissjonijiet tal-egżost f'numru ta' partikoli (PN) ta' partikoli solidi akbar minn 23 nanometru (PN₂₃) ilhom ikkontrollati mill-2011 għall-vetturi ħfief u mill-2013 għall-vetturi tqal. Meta jitqies il-fatt li t-teknoloġiji eżistenti u r-Regolament Tekniku Globali Nru 15 tan-NU jippermettu l-kejl ta' emissjonijiet ta' numru ta' partikoli sa 10 nanometri (PN₁₀), huwa xieraq li jiġu applikati l-limiti tal-partikoli sa PN₁₀ għall-vetturi kollha koperti minn dan ir-Regolament. L-istabbiliment ta' limiti speċifiċi għall-emissjonijiet ta' PN₁₀ għall-ewwel darba ser jipprovdi impetu lejn l-armonizzazzjoni globali tal-kontroll u l-kejl imtejba tal-emissjonijiet tal-PN u jenħtieġ li l-Unjoni thegġegħ lill-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (UN WP.29) biex tallinja r-regolamenti rilevanti tan-NU dwar il-vetturi skont dan.
- (15) Is-simplifikazzjoni tista' tinkiseb billi jiġu eliminati t-testijiet li ma jkunux meħtieġa, billi ssir referenza għall-istandards skont ir-Regolamenti eżistenti tan-NU, fejn applikabbli, u billi jiġi żgurat sett konsistenti ta' proċeduri u testijiet għad-diversi fażijiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet.
- (16) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet kemm għal vetturi ħfief kif ukoll għal vetturi tqal ikunu limitati fid-dinja reali, huwa neċessarju li l-vetturi jiġu ttestjati f'kundizzjonijiet reali ta' sewqan, li huma statistikament rilevanti, b'sett minimu ta' restrizzjonijiet, limiti u rekwiżiti oħrajn tas-sewqan. Jenħtieġ li tali ittestjar fit-triq ikun ibbażat fuq sewqan normali u jeskludi sewqan mhux realistiku.
- (17) Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jirrikjedu li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet għal perjodu ta' żmien speċifikat, li ma jikkorrispondix għall-ħajja medja tal-vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-durabbiltà li jirriflett u l-ħajja medja mistennija tal-vetturi fl-Unjoni.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

- (18) L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji għall-inċentivar tat-tiġdid tal-flotta, bl-għan li jiffaċilitaw tranżizzjoni progressiva tal-flotta lejn vetturi b'emissjonijiet imnaqqsa, u b'hekk jikkontribwixxu għal ekosistema tat-trasport aktar nadifa u aktar sostenibbli.
- (19) Hemm teknoloġiji li issa huma disponibbli u użati b'mod wiesa' madwar id-dinja li jillimitaw l-emissjonijiet evaporattivi ta' komposti organiċi volatili matul l-użu u l-ipparkjar ta' vettura bi fjuwil tal-petrol. Għalhekk huwa xieraq li l-limiti tal-emissjonijiet għal tali komposti organiċi volatili jiġu stabbiliti f'livell aktar baxx.
- (20) L-emissjonijiet mhux tal-egżost jikkonsistu f'partikoli emessi mit-tajers u mill-brejkijiet tal-vetturi. L-emissjonijiet mit-tajers huma stmati li huma l-akbar sors ta' mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent. Kif muri fil-valutazzjoni li takkumpanja l-proposta għal dan ir-Regolament, huwa mistenni li sal-2050, l-emissjonijiet mhux tal-egżost ser jikkostitwixxu sa 90 % tal-partikoli kollha emessi mit-trasport bit-triq, minħabba li l-partikoli tal-egżost ser jonqsu minħabba l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Għalhekk, jenħtieġ li daww l-emissjonijiet mhux tal-egżost jitkejlu u jiġu limitati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni thegheg il-ħidma tal-UN WP.29 sabiex jilħaq l-oġettivi tiegħu fil-ħin, filwaqt li jirrifletti livell għoli ta' ambizzjoni bbażat fuq raġunijiet xjentifiċi u tekniċi sodi, u biex jiddefinixxi l-limiti tal-brix abbażi ta' metodi mill-aktar avvanzati. F'każ li ma jkunux ġew adottati dispożizzjonijiet uniformi dwar il-brix tat-tajers mill-UN WP.29 sal-1 ta' Lulju 2026 għat-tajers tal-klassi C₁, sal-1 ta' April 2028 għat-tajers tal-klassi C₂ jew fl-1 ta' April 2030 għat-tajers tal-klassi C₃, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta att delegat bl-għan li jintlaħaq l-oġettiv tal-Unjoni li tnaqqas il-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent bi 30 % sal-2030 u abbażi ta' limitati tal-brix mill-aktar avvanzati. Jenħtieġ li l-karatteristiċi speċifiċi tal-vetturi b'batteriji tat-trazzjoni, inkluż vetturi ibridi plug-in u vetturi elettriċi bil-batterija, jiġu evalwati matul it-tħejjija ta' dak l-att delegat.
- (21) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾ jirregola l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet (GSI), li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jimminimizzaw il-konsum tal-fjuwil ta' vettura meta sewwieq isegwi l-indikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li r-rekwiżiti relatati mal-emissjonijiet ta' inkwinanti fid-dinja reali, inkluż meta jiġu segwiti l-GSI, jiġu indirizzati f'dan ir-Regolament.
- (22) Il-vetturi bil-batteriji tat-trazzjoni, inkluż il-vetturi ibridi plug-in u l-vetturi elettriċi bil-batteriji, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq. Sabiex tinkiseb u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur f'tali vetturi, jenħtieġ li dawn ikunu jiffunzjonaw sewwa u durabbli. Għalhekk, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-batteriji tat-trazzjoni jżommu parti tajba mill-kapaċità inizjali tagħhom wara ħafna snin ta' użu. Tali rekwiżit ikun ta' importanza partikolari għax-xerrejja ta' vetturi elettriċi użati għaliex dan jiżgura li l-vettura tkompli taħdem kif mistenni. Għalhekk, jenħtieġ li l-monitors tal-istat tas-saħħa tal-batteriji tat-trazzjoni jkun meħtieġa għall-vetturi kollha li jużaw il-batteriji tat-trazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni għad-durabbiltà tal-batteriji tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief, filwaqt li jitqies ir-Regolament Tekniku Globali Nru 22 tan-NU.
- (23) Is-sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u l-apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika (OBFCM) jużaw *data* ġġenerata mill-vettura biex jimmonitorjaw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Fejn adatt, tali *data* trid tkun soġġetta għar-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾.
- (24) It-tbagħbis tal-vetturi sabiex jitneħħew jew jiġu diżattivati partijiet mis-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis huwa problema magħrufa sew. Tali Prattika twassal għal emissjonijiet mhux ikkontrollati u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi evitata u jenħtieġ li japplikaw penali effettivi, proporzjonati u dissuażivi. It-tbagħbis tal-odometru jwassal għal kilometraġġ falz u jfixkel il-kontroll xieraq waqt is-servizz ta' vettura. Għalhekk, huwa tal-akbar importanza li tiġi ggarantita

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-*Data*) (ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj>).

l-ogħla protezzjoni possibbli tas-sigurtà ta' dawk is-sistemi, kompluta b'ċertifikati tas-sigurtà u protezzjoni xierqa kontra t-tbagħbis sabiex jiġi żgurat li la s-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis u lanqas l-odometru tal-vettura ma jkunu jistgħu jiġu mbagħbsa.

- (25) Sabiex jiġi evitat li l-miżuri kontra t-tbagħbis ifixxlu bla bżonn il-kompetizzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament iżomm il-possibbiltà li l-operaturi indipendenti jitħallew jiżviluppaw, jiddistribwixxu, jinstallaw u jattivaw spare parts fis-suq ta' wara l-bejgħ. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi ma jċaħħdux lill-operaturi indipendenti mill-aċċess għall-informazzjoni, l-għodod u l-proċessi li huma strettament meħtieġa għall-iżvilupp u l-installazzjoni ta' tali spare parts. Jenħtieġ li l-approvazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' operaturi indipendenti biex jaċċessaw il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-vettura jingħataw f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/858.
- (26) Il-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-arja teħtieġ sforz kontinwu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-vetturi. Jenħtieġ li l-użu ta' apparati ta' manipolazzjoni kif ukoll strateġiji ta' manipolazzjoni jkunu pprojbati skont dan ir-Regolament. Dik il-projbizzjoni hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati dawk l-oġġettivi. Meta jiġu vvalutati sitwazzjonijiet li jistgħu jinvolvu l-użu ta' apparati ta' manipolazzjoni jew strateġiji ta' manipolazzjoni, jenħtieġ li ssir valutazzjoni u interpretazzjoni wiesgħa ta' dawk is-sitwazzjonijiet, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-apparati ta' manipolazzjoni fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. Jenħtieġ li kwalunkwe apparat jew strateġija li jnaqqsu l-effettività tal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost u r-rekwiżiti tal-kundizzjoni tal-ittestjar skont dan ir-Regolament, li jwasslu biex vettura mhux konformi tidher konformi jew li jwasslu għal riżultati foloz tat-testijiet, jitqiesu meta jiġi ddeterminat jekk jeżistux apparati ta' manipolazzjoni jew strateġiji ta' manipolazzjoni. Jenħtieġ li d-disinn, il-konstruzzjoni u l-assemblaġġ ta' vetturi b'tali apparati ta' manipolazzjoni jew strateġiji ta' manipolazzjoni jkunu soġġetti għal penali.
- (27) Diġà qegħdin jintużaw sensuri installati fuq il-vetturi sabiex jindividwaw anomaliji fl-emissjonijiet u sabiex jiskattaw tiswijiet relatati permezz tas-sistema dijanjostika abbord (OBD). Is-sistema OBD li qed tintuża bħalissa, madankollu, ma tindividwax b'mod preċiż il-ħsarat fil-ħin u ma thegġigħ biżżejjed it-tiswijiet fil-ħin. Bħala konsegwenza, huwa possibbli li l-vetturi jkollhom emissjonijiet ta' inkwinanti ferm ogħla minn dawk permessi. Is-sensuri użati sa issa għall-OBD jistgħu jintużaw ukoll sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw ir-rendiment tal-emissjonijiet tal-egżost tal-vetturi fuq bażi kontinwa permezz ta' sistema OBM. Is-sistema OBM ser twissi wkoll lill-utent sabiex iwettaq tiswijiet tal-magna jew tas-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis meta jkunu meħtieġa tali tiswijiet. Għalhekk, huwa xieraq li jkun meħtieġ li tali sistema tiġi installata u li jiġu regolati r-rekwiżiti tekniċi tagħha. Jenħtieġ li l-miżuri implikati minn dawk is-sistemi ma jwasslux biex jipperikolaw s-sikurezza fit-toroq.
- (28) Il-manifatturi għandhom l-għażla li jipproduċu vetturi li jinkludu għażliet avvanzati bħal geofencing. Għażla oħra disponibbli lill-manifatturi hija li jipproduċu vetturi "Euro 7ext" li huma vetturi tal-kategorija N₂ bejn it-3,5 u l-5 tunnellati ta' massa massima li toriġina minn tip ta' vettura tal-kategorija N₁, li għalihom approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet N₂ tista' tingħata fuq talba tal-manifattur jekk il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti għal tip ta' vettura tal-kategorija N₁. Jenħtieġ li l-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jidentifikaw tali vetturi permezz ta' dokumentazzjoni xierqa.
- (29) Jenħtieġ li d-data ambjentali dwar it-tipi ta' vetturi tkun disponibbli għall-utenti tal-vetturi. Għalhekk, jenħtieġ li jkun disponibbli Passaport Ambjentali ta' Vettura (EVP) għal kull vettura. Jenħtieġ li l-utenti tal-vetturi jkollhom ukoll aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-konsum tal-fjuwil, l-istat tas-saħħa tal-batteriji tat-trazzjoni, l-emissjonijiet ta' inkwinanti u informazzjoni rilevanti oħra ġġenerata minn sistemi u monitors abbord.
- (30) Fejn il-Kummissjoni tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni wara l-2035 ta' vetturi ħfief ġodda li jaħdmu esklużivament fuq fjuwils newtrali għas-CO₂, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-flotta tas-CO₂, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, dan ir-Regolament ser ikollu jiġi emendat sabiex jinkludi l-possibbiltà li tali vetturi jkollhom it-tip approvat.
- (31) L-emissjonijiet minn vetturi mibjugħa minn manifatturi ta' volum żgħir jikkostitwixxu parti insinifikanti mill-emissjonijiet fl-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li fir-rigward ta' wħud mir-rekwiżiti għal tali manifatturi tista' tiġi permessa ċerta flessibbiltà. Jenħtieġ li l-manifatturi ta' volum żgħir ikunu jistgħu jissostitwixxu ċerti testijiet matul l-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjonijiet tal-konformità, filwaqt li jenħtieġ li l-manifatturi ta' volum żgħir ħafna jitħallew jużaw testijiet tal-laboratorju bbażati fuq ċikli ta' sewqan reali aleatorji.

- (32) Ir-Regolamenti (UE) 2019/631 u (UE) 2019/1242 jirregolaw ir-rendiment medju tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-flotta għall-vetturi bil-mutur ġodda fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċeduri u l-metodoloġiji għad-determinazzjoni preċiża tal-emissjonijiet tas-CO₂, tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, tal-awtonomija elettrika u tal-potenza għal vetturi individwali jiġu introdotti fl-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inkluż l-aġġornament u l-iżvilupp tal-għodda għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija tal-vettura (VECTO) sabiex jittieħed kont aħjar tal-effiċjenza enerġetika ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi itqal, fost aspetti oħra.
- (33) Filwaqt li t-terminu "stat tas-saħħa" (SOH) huwa applikat b'mod komuni biex jirreferi għas-saħħa ta' batterija tat-trazzjoni f'punt partikolari fil-ħajja tagħha, dak it-terminu mhuwiex definit b'mod komuni u huwa ddeterminat permezz ta' varjetà ta' metodoloġiji differenti, bħall-"Istat tal-Enerġija Ċċertifikata" u l-"Istat tal-Awtonomija Ċċertifikata". Iż-żewġ metriċi jirrappreżentaw perċentwal tal-enerġija ċċertifikata tal-batterija jew tal-awtonomija elettrika li jifdal f'mument partikolari.
- (34) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- l-obbligi tal-manifatturi bħala parti mill-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri, l-ittestjar u l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għad-dikjarazzjoni tal-**konformità**, tal-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni, il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz, is-sorveljanza tas-suq u l-EVP;
 - ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mad-durabbiltà tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' reġistrazzjoni u ta' komunikazzjoni tas-sistemi OBMs, inkluż għall-fini ta' spezzjonijiet tekniċi perġodiċi u kontrolli tal-affidabbiltà stradali;
 - metodi u testijiet għal: (i) il-kejl tal-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq u l-użu ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika ta' emissjonijiet f'sewqan reali; (ii) id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur; (iii) id-determinazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-trejlers tal-kategoriji O₃ u O₄; (iv) il-kejl tal-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank, l-emissjonijiet evaporattivi u l-emissjonijiet tal-brejkijiet; (v) l-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija; (vi) il-valutazzjoni tal-konformità waqt is-servizz ta' magni u vetturi; (vii) il-valutazzjoni tat-tħaddim, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis; (viii) l-iżgurar u l-valutazzjoni ta' miżuri relatati ma' apparati ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni, inkluż analiżi tal-vulnerabbiltà u protezzjoni kontra t-tbagħbis; (ix) il-valutazzjoni tal-funzjonament tat-tipi ta' vetturi approvati skont xi deżinjazzjonijiet speċifiċi; (x) l-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet applikabbli għall-vetturi mibnija minn għall-manifatturi ta' volum żgħir u volum żgħir ħafna, (xi) l-istabbiliment tan-nuqqas ta' apparati ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni; u (xii) il-kejl tal-brix tat-tajers;
 - il-metodi, ir-rekwiżiti u t-testijiet, inkluż limiti ta' konformità, biex tiġi żgurata l-prestazzjoni ta' apparati OBFCM u sistemi OBD u OBM u s-sensuri ta' tali apparati u sistemi, kif ukoll komunikazzjoni off-board ta' data reġistrata minn tali apparati u sistemi;
 - il-metodi, ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet għall-GSI;
 - il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim tagħhom;
 - ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir tat-test;

- l-ispeċifikazzjoni tal-fjuwils ta' referenza;
 - il-format tal-EVP, id-data u l-metodu ta' komunikazzjoni tad-*data* tal-EVP;
 - ir-rekwiżiti u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-manifatturi ta' vetturi, inkluż vetturi mibnija f'diversi stadji, kif ukoll
 - l-elementi tekniċi, ir-rekwiżiti amministrattivi u ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq, il-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz u tal-konformità tal-produzzjoni, kif ukoll l-obbligi ta' rapportar.
- (35) Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fir-rigward ta' ċerti obbligi legali eżistenti dwar il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, minn tipi ta' vetturi ta' kategoriji M₁ u N₁, jenħtieġ li l-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet tal-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi jirriflettaw daww stipulati fir-Regolament (UE) 2017/1151, kif applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni.
- (36) Sabiex jiġu emendati jew issupplimentati, kif xieraq, elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi, brejkijiet jew tajers Euro 7; ir-rekwiżiti tat-test, b'mod partikolari billi jitqiesu l-progress tekniku u d-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7; l-introduzzjoni ta' għażliet u deżinjazzjonijiet addizzjonali ta' vetturi bbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi; l-istabbiliment ta' limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet, limiti tal-emissjonijiet tal-formaldeid għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂, u N₃, il-kundizzjonijiet tat-test għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂, u N₃ u taħt ċerti kundizzjonijiet, limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers, kif ukoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-batteriji u multiplikaturi tad-durabbiltà bbażati fuq id-*data* miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7; l-istabbiliment ta' regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃; u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-testijiet u d-dikjarazzjonijiet. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁴⁾. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (37) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim tal-20 ta' Marzu 1958 dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-parts li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi bir-roti u/jew jintużaw fuqhom u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ⁽¹⁵⁾. Jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, fejn xieraq, jallinjaw mal-istandards stabbiliti fir-Regolamenti tan-NU jew kwalunkwe emenda sussegwenti għal daww ir-Regolamenti tan-NU, meta disponibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet, il-limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers u l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni għall-batteriji.
- (38) Konsegwentement, fejn tali limiti jew rekwiżiti fi proposta għal Regolament tan-NU jew emenda għal Regolament tan-NU jkunu ġew approvati f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 97/836/KE ⁽¹⁶⁾ jenħtieġ li daww il-limiti jew rekwiżiti jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti għal dak l-għan f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE.

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁽¹⁴⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 81.

⁽¹⁶⁾ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu fittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

- (39) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, billi r-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur u l-magni, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi huma aġġornati u kkonsolidati f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (KE) Nru 715/2007 jitħassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament.
- (40) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, jenħtieġ li l-atti li ġejjin adottati skont ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jitħassru b'dan ir-Regolament: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011⁽¹⁷⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151⁽¹⁸⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400⁽¹⁹⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362⁽²⁰⁾.
- (41) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, jenħtieġ li dak l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679⁽²¹⁾ u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²²⁾, kif ukoll mal-liġi nazzjonali rilevanti f'konformità ma' daww ir-Regolamenti.
- (42) Huwa importanti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati adottati skontu. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi differita, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti dati differenti ta' applikazzjoni għal tipi ġodda u daww eżistenti. Filwaqt li għall-vetturi ħfief, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tkun mill-aktar fis possibbli mil-lat tekniku u ekonomiku, għall-vetturi tqal u t-trejlars, id-data tal-applikazzjoni tista' tiddewwem, minħabba li t-tranżizzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero sertkun itwal għall-vetturi tqal.
- (43) Għall-vetturi tal-kategoriji M₂ u M₃, li għalihom ġiet stabbilita mira ta' emissjonijiet żero ta' 100 % mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030 fir-Regolament (UE) 2019/1242, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri tranżizzjonali f'dan ir-Regolament sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242, kif ukoll sabiex jiġi żgurat ukoll li l-isforzi ta' investiment meħtieġa jibqgħu proporzjonati.
- (44) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi u dispożizzjonijiet amministrattivi komuni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi tal-kategoriji M u N, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet tagħhom, kif ukoll biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-oġettivi,
- (¹⁷) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).
- (¹⁸) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).
- (¹⁹) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).
- (²⁰) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni ta' trejlars heavy-duty fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija u l-firxa tas-sewqan b'emissjonijiet żero tal-vetturi bil-mutur u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/683 (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 145).
- (²¹) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
- (²²) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni u dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-inkwinanti tagħhom, tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika u tad-durabbiltà tal-batterija.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz, is-sorveljanza tas-suq ta' sistemi ta' monitoraġġ abbord, id-durabbiltà tas-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis u tal-batteriji tat-trażżjoni, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà sabiex jillimitaw it-tbagħbis u miżuri ta' ċibersigurtà, u r-regoli għad-determinazzjoni preċiża tal-emissjonijiet tas-CO₂, l-awtonomija elettrika, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika u l-effiċjenza enerġetika.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi bil-mutur tal-kategoriji M₁, M₂, M₃, N₁, N₂ u N₃, kif ukoll trejlers tal-kategoriji O₃ u O₄ kif speċifikat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858, inkluż dawk iddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew aktar, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u tajers tal-klassi C₁, C₂ u C₃, kif speċifikat fir-Regolament Nru 117 tan-NU⁽²³⁾, bl-eċċezzjoni tat-tajers li jaqdbu fuq is-silġ.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet rilevanti fir-Regolament (UE) 2018/858.

Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet" tfisser approvazzjoni tat-tip tal-UE li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom;
- (2) "awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip" tfisser l-awtorità tal-approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet;
- (3) "konformità tal-produzzjoni" jew "CoP" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi ġodda, unitajiet tekniċi separati jew komponenti magħżula fil-bini tal-manifattur sabiex jiġi żgurat li l-prodotti introdotti fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
- (4) "konformità waqt is-servizz" jew "ISC" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sistemi, unitajiet tekniċi jew komponenti separati bl-iskop li tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tad-durabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament;
- (5) "magna" tfisser il-magna ta' kombustjoni interna ta' vettura;
- (6) "emissjonijiet" tfisser l-emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost ta' vettura bil-mutur;
- (7) "emissjonijiet tal-egżost" tfisser l-emissjoni mill-iżbakk tal-egżost tal-vettura bil-mutur jew tal-magna ta' dawn kollha li ġejjin: CO₂, komposti gassużi, solidi, likwidi u emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank;
- (8) "inkwinanti gassużi" tfisser l-emissjonijiet ta' speċijiet kimiċi gassużi, minbarra s-CO₂;

⁽²³⁾ Ir-Regolament Nru 117 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin u/jew ir-reżistenza għall-irrolljar.

- (9) “CO₂” tfisser id-diossidu tal-karbonju emess mill-izbukk tal-egżost;
- (10) “ossidi tan-nitroġenu” jew “NO_x” tfisser is-somma tal-ossidu tan-nitroġenu (NO) u d-diossidu tan-nitroġenu (NO₂) emessi mill-izbukk tal-egżost;
- (11) “ossidu nitruż” jew “N₂O” tfisser l-ossidu nitruż emess mill-izbukk tal-egżost;
- (12) “materja partikolata” jew “PM” tfisser kwalunkwe materjal emess mill-izbukk tal-egżost jew mill-brejkijiet u miġbur fuq mezz ta’ filtru;
- (13) “materja partikolata ta’ anqas minn 10 µm” jew “PM₁₀” tfisser il-materja partikolata b’dijametru anqas minn 10 µm;
- (14) “numru ta’ partikoli” jew “PN” tfisser in-numru totali ta’ partikoli solidi emessi mill-izbukk tal-egżost jew mill-brejkijiet;
- (15) “PN₁₀” tfisser in-numru totali ta’ partikoli solidi emessi mill-izbukk tal-egżost jew mill-brejkijiet li għandhom dijametru ugwali għal 10 nm jew akbar;
- (16) “monossidu tal-karbonju” jew “CO” tfisser il-monossidu tal-karbonju emess mill-izbukk tal-egżost;
- (17) “metan” jew “CH₄” tfisser il-metan emess mill-izbukk tal-egżost;
- (18) “idrokarburi totali” jew “THC” tfisser l-idrokarburi totali emessi mill-izbukk tal-egżost;
- (19) “idrokarburi nonmetaniċi” jew “NMHC” tfisser l-idrokarburi totali, eskluż il-metan, emessi mill-izbukk tal-egżost;
- (20) “gassijiet organiċi nonmetaniċi” jew “NMOG” tfisser is-somma ta’ idrokarburi mhux ossiġenati u ossiġenati, eskluż il-metan, emessi mill-izbukk tal-egżost;
- (21) “ammonijaka” jew “NH₃” tfisser l-ammonijaka emessa mill-izbukk tal-egżost;
- (22) “formaldeid” jew “HCHO” tfisser il-formaldeid emess mill-izbukk tal-egżost;
- (23) “WHTC” tfisser iċ-ċiklu ta’ sewqan tranżitorju armonizzat fuq livell dinji f’konformità mal-paragrafu 7.2.1. tal-Anness 4 tar-Regolament Nru 49 tan-NU ⁽²⁴⁾;
- (24) “WHSC” tfisser iċ-ċiklu ta’ sewqan fi stat stabbli armonizzat fuq livell dinji f’konformità mal-paragrafu 7.2.2. tal-Anness 4 tar-Regolament Nru 49 tan-NU;
- (25) “konsum tal-enerġija elettrika” hija r-rata li biha vettura tuża l-enerġija elettrika mill-batterija jew batteriji tat-trazzjoni tagħha f’kundizzjonijiet tal-użu speċifikati;
- (26) “konsum tal-fjuwil” hija r-rata li biha vettura tuża fjuwil f’kundizzjonijiet tal-użu speċifikati;
- (27) “għodda għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija tal-vettura” jew “VECTO” tfisser għodda ta’ simulazzjoni użata fid-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika minn vetturi tqal;
- (28) “emissjonijiet evaporattivi” tfisser il-fwar tal-idrokarburi emessi mis-sistema tal-fjuwil ta’ vettura, minbarra dawk mill-emissjonijiet tal-egżost;
- (29) “emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank” tfisser l-inkwinanti gassużi mill-ispazji f’ magna jew barra minnha li huma konnessi mas-samp taż-żejt b’kanali interni jew esterni;
- (30) “emissjonijiet ta’ partikoli tal-brejkijiet” tfisser il-partikoli emessi mis-sistema tal-brejkijiet ta’ vettura;
- (31) “brix tat-tajers” tfisser il-massa ta’ materjal mitluf mit-tajer minħabba l-proċess tal-brix u emess fl-ambjent;
- (32) “emissjonijiet mhux tal-egżost” tfisser emissjonijiet evaporattivi, tal-brix tat-tajers u tal-brejkijiet;
- (33) “emissjonijiet ta’ inkwinanti” tfisser emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost għajr emissjonijiet tas-CO₂;
- (34) “apparat għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser apparat ta’ vettura li jikkontrolla jew jillimita l-emissjonijiet ta’ inkwinanti;
- (35) “sistemi għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser l-apparati għall-kontroll tat-tniġġis installati f’vettura, inkluż l-unitajiet ta’ kontroll u s-software kollha li jirregolaw l-użu tagħhom;

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament Nru 49 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta’ inkwinanti gassużi u partikoli minn magni li jaqbd u bil-kompressjoni u minn magni li jaqbd bl-ispark plugs għall-użu fil-vetturi.

- (36) “sistemi oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tali sistemi koperti mill-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura kkonċernata;
- (37) “sistemi ta’ sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tali sistemi li hija maħsuba sabiex jissostitwixxu sistema oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis u li jistgħu jiġu approvati bħala unità teknika separata;
- (38) “sistema dijanjostika abbord” jew “sistema OBD” tfisser sistema abbord vettura li tista’ tiġġenera informazzjoni dwar is-sistema dijanjostika abbord il-vettura (OBD), kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 49, tar-Regolament (UE) 2018/858 u li tkun kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni barra l-vettura;
- (39) “sistema ta’ monitoraġġ abbord” jew “sistema OBM” tfisser sistema abbord vettura li tkun kapaċi timmonitorja l-emissjonijiet tal-egżost, tindividwa eċċessi tal-emissjonijiet tal-egżost u kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni flimkien mal-informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa barra l-vettura;
- (40) “apparat għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika” jew “apparat OBFCM” tfisser kwalunkwe software jew hardware abbord vettura li jidentifika u juża parametri tal-vettura, tal-magna, tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika u tat-tagħbija utli/tal-massa sabiex jiddetermina u jaħżen fil-vettura id-data dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika u parametri oħrajn rilevanti fid-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika u l-effiċjenza enerġetika tal-vettura;
- (41) “apparat ta’ manipulazzjoni” tfisser kwalunkwe element ta’ disinn li jwassal biex vettura ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament meta tinstaq iżda mhux waqt test regolatorju, minkejja li jwassal biex il-vettura tidher li tikkonforma meta tiġi ttestjata, jew li jimmanipula d-data relatata mas-sensuri, il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika, l-awtonomija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija;
- (42) “strateġija ta’ manipulazzjoni” tfisser strateġija li twassal biex vettura ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament meta tinstaq iżda mhux waqt test regolatorju, minkejja li twassal biex il-vettura tidher li tikkonforma meta tiġi ttestjata, jew li timmanipula d-data relatata mas-sensuri, il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika, l-awtonomija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija;
- (43) “emissjonijiet f’sewqan reali” jew “RDE” tfisser l-emissjonijiet ta’ vettura fil-kundizzjonijiet speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness III;
- (44) “odometru” tfisser strument li jindika d-distanza totali misjuqa mill-vettura mill-produzzjoni tagħha;
- (45) “tbaġħbis” tfisser l-inattivazzjoni, jew il-modifika tal-magna jew tal-mutur elettriku, tal-apparati u tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis tal-vettura, tas-sistema ta’ propulsjoni, tal-batterija tat-trazzjoni, tal-odometru, tal-apparat OBFCM, tas-sistema OBD jew OBM, inkluż kwalunkwe software jew element ta’ kontroll loġiku ieħor ta’ dawk is-sistemi u d-data tagħhom, li twassal biex il-vettura ma tikkonformax ma’ dan ir-Regolament;
- (46) “faċilità tal-produzzjoni proprja” tfisser impjant tal-manifattura jew tal-assemblaġġ użat mill-manifattur għall-fini tal-manifattura jew tal-assemblaġġ ta’ vetturi ġodda għal dak il-manifattur, inkluż, fejn rilevanti, vetturi li huma maħsuba għall-esportazzjoni;
- (47) “ċentru tad-disinn proprju” tfisser faċilità fejn tiġi ddisinjata u żviluppata l-vettura kollha, u li hija taħt il-kontroll u l-użu tal-manifattur;
- (48) “manifattur ta’ volum żgħir” tfisser manifattur ta’ inqas minn 10 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija M_1 , jew 22 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija N_1 , jew 450 vettura bil-mutur ġodda tal-kategoriji M_2 u M_3 kombinati, jew 6 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategoriji N_2 u N_3 kombinati, li huma reġistrati fl-Unjoni kull sena kalendarja, u li:
 - (a) ma jagħmilx parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi; jew
 - (b) jagħmel parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi li huwa responsabbli, b’kollox, għal inqas minn 10 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija M_1 , jew 22 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija N_1 , jew 450 vettura bil-mutur ġodda tal-kategoriji M_2 u M_3 kombinati, jew 6 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategoriji N_2 u N_3 kombinati, li huma reġistrati fl-Unjoni kull sena kalendarja; jew
 - (c) jagħmel parti minn grupp ta’ manifatturi konnessi iżda li jopera l-faċilitajiet tal-produzzjoni proprji u ċ-ċentru tad-disinn proprju;

- (49) “manifattur ta’ volum żgħir ħafna” tfisser manifattur ta’ volum żgħir li jipproduċi anqas minn 1 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija M₁ jew anqas minn 1 000 vettura bil-mutur ġodda tal-kategorija N₁ li huma reġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti;
- (50) “vettura b’ magna ta’ kombustjoni interna pura” jew “ICEV” tfisser vettura fejn il-konvertituri kollha tal-enerġija ta’ propulsjoni jkunu magni ta’ kombustjoni interna, inkluż dawk li jaħdmu bl-idroġenu;
- (51) “vettura purament elettrika” jew “PEV” tfisser vettura mġhammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklużivament magni elettriċi bħala konvertituri tal-enerġija ta’ propulsjoni u esklużivament sistemi rikarikabbli ta’ ħżin tal-enerġija elettrika bħala sistemi ta’ ħżin tal-enerġija ta’ propulsjoni;
- (52) “ċellola tal-fjuwil” tfisser konvertitur tal-enerġija li jittrasforma l-enerġija kimika (input) f’enerġija elettrika (output) jew viċi versa;
- (53) “vettura b’ċellola tal-fjuwil” jew “FCV” tfisser vettura mġhammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklużivament ċellola/i tal-fjuwil u magna/i elettrika/elettriċi bħala konvertitur(i) tal-enerġija ta’ propulsjoni;
- (54) “vettura ibrida b’ċellola tal-fjuwil” jew “FCHV” tfisser vettura b’ċellola tal-fjuwil mġhammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha mill-anqas sistema waħda għall-ħżin tal-fjuwil u mill-anqas sistema rikarikabbli waħda ta’ ħżin tal-enerġija elettrika bħala sistemi ta’ ħżin tal-enerġija ta’ propulsjoni;
- (55) “vettura ibrida” jew “HV” tfisser vettura mġhammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha mill-anqas żewġ kategoriji differenti ta’ konvertituri tal-enerġija ta’ propulsjoni u mill-anqas żewġ kategoriji differenti ta’ sistemi ta’ ħżin tal-enerġija ta’ propulsjoni;
- (56) “vettura elettrika ibrida” jew “HEV” tfisser vettura ibrida fejn wieħed mill-konvertituri tal-enerġija ta’ propulsjoni jkun magna elettrika;
- (57) “vettura elettrika ibrida li tiġi ċċarġjata esternament” jew “OVC-HEV” tfisser vettura elettrika ibrida li tista’ tiġi ċċarġjata minn sors estern;
- (58) “vettura elettrika ibrida li ma tistax tiġi ċċarġjata esternament” jew “NOVC-HEV” tfisser vettura b’mill-anqas żewġ konvertituri tal-enerġija differenti u żewġ sistemi differenti ta’ ħżin tal-enerġija li jintużaw għall-fini tal-propulsjoni tal-vettura u li ma tistax tiġi ċċarġjata minn sors estern;
- (59) “teknoloġiji tal-geofencing” tfisser teknoloġiji li ma jippermettux li vettura ibrida taħdem bl-użu tal-magna ta’ kombustjoni interna, jiġifieri sabiex tkun permessa modalità b’emissjonijiet żero, meta l-vettura tinstaq f’żona ġeografika speċifika;
- (60) “modalità b’emissjonijiet żero” tfisser modalità li tista’ tintgħażel, fejn vettura ibrida tinstaq mingħajr l-użu tal-magna ta’ kombustjoni interna;
- (61) “massa fi stat ta’ tħaddim” tfisser il-massa tal-vettura, bit-tank(ijiet) tal-fjuwil tagħha mimli(jin) sa mill-anqas 90 fil-mija tal-kapaċitajiet tiegħu/tagħhom, inkluż il-massa tas-sewwieq, tal-fjuwil u tal-likwidi, immuntati bit-tagħmir standard f’konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u, meta jkunu immuntati, il-massa tal-karozzerija, tal-kabina, tal-akkoppjar u tal-istepni, kif ukoll tal-għodod;
- (62) “batterija tat-trazzjoni” tfisser sistema ta’ batterija li taħżen l-enerġija bl-iskop ewlieni li tmexxi l-vettura;
- (63) “awtonomija elettrika” tfisser id-distanza vvjaġġata f’kundizzjoni ta’ operar fil-modalità eżawriment taċ-ċarġ sakemm tiġi eżawrita l-batterija tat-trazzjoni;
- (64) “awtonomija b’emissjonijiet żero” tfisser id-distanza massima li tista’ tivvjaġġa vettura b’emissjonijiet żero tal-egżost, li għall-PEVs tikkorrispondi għall-awtonomija elettrika;
- (65) “durabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ sistema jew apparat, komponent jew kwalunkwe parti mill-vettura li jżommu l-prestazzjoni meħtieġa tagħhom matul ħin partikolari;
- (66) “durabbiltà tal-batterija” tfisser id-durabbiltà f’vettura ta’ batterija tat-trazzjoni mkejla f’termini tal-istat tas-saħħa tagħha;
- (67) “stat tas-saħħa” jew “SOH” tfisser l-istat imkejjel jew smat ta’ metrika ta’ prestazzjoni speċifika ta’ vettura jew batterija tat-trazzjoni f’punt speċifiku fil-ħajja tagħha, espress bħala perċentwal tal-prestazzjoni li ġiet iddeterminata meta ċċertifikata jew ġdida;

- (68) “passaport ambjentali ta’ vettura” jew “EVP” tfisser rekord f’forma diġitali li jkun fih informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta’ vettura fil-mument tar-reġistrazzjoni, inkluż il-livell tal-limiti tal-emissjonijiet ta’ inkwinanti, l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna jew tal-mutur elettriku, u d-durabbiltà tal-batterija u valuri relatati oħrajn;
- (69) “sistema ta’ twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi tal-egżost” tfisser sistema ddisinjata, mibnija u installata f’vettura sabiex tipprovdi informazzjoni lill-utent dwar emissjonijiet eċċessivi tal-egżost u sabiex jiġi żgurat li tismijiet qabel tkompli tintuża;
- (70) “sistema ta’ twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta’ reaġenti” tfisser sistema ddisinjata, mibnija u installata f’vettura sabiex twissi lill-utent dwar il-livell baxx tar-reaġent konsumabbli u sabiex jiġi żgurat l-użu tar-reaġent;
- (71) “dikjarazzjoni ta’ konformità” jew “dikjarazzjoni” tfisser dikjarazzjoni mill-manifattur li tip jew grupp speċifiku ta’ vetturi, komponent jew unità teknika separata jkun konformi mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament;
- (72) “effiċjenza enerġetika ta’ trejler” tfisser il-prestazzjoni ta’ trejler fir-rigward tal-influwenza tiegħu fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija b’emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna jew tal-mutur elettriku ta’ vettura bil-mutur tal-irmonk;
- (73) “tajer tal-borra” tfisser tajer li d-disinn tat-tread, il-kompożizzjoni tat-tread jew il-kostruzzjoni tiegħu huma primarjament iddisinjati sabiex huwa jkseb f’kundizzjonijiet ta’ tajn u borra prestazzjoni aħjar minn dik ta’ tajer normali fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jibda u jikkontrolla l-moviment tal-vettura;
- (74) “tajer għall-użu f’kundizzjonijiet ta’ borra severi” tfisser tajer tal-borra jew tajer għal użu speċjali li d-disinn tat-tread, il-kompożizzjoni tat-tread jew l-istruttura tiegħu huma speċifikament iddisinjati sabiex jintuża f’kundizzjonijiet ta’ borra severi;
- (75) “tajer li jaqbad fuq is-silġ” tfisser tajer tal-borra tal-klassi C₁ għall-użu f’kundizzjonijiet ta’ borra severi, li huwa ddisinjat ukoll biex jintuża fuq uċuħ ta’ toroq miksija bis-silġ u li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fir-Regolament Nru 117 tan-NU;
- (76) “tajer għal użu speċjali” tfisser tajer maħsub għal użu mħallat kemm fit-triq kif ukoll off-road jew għal skop speċjali ieħor u li huwa primarjament iddisinjat biex jibda u jżomm il-vettura miexxa f’kundizzjonijiet off-road;
- (77) “għażla” tfisser sett ta’ rekwiżiti addizzjonali stipulati f’dan ir-Regolament, li l-manifatturi jistgħu jagħżlu li jikkonformaw magħhom sabiex ikunu jistgħu jużaw d-deżinjazzjoni korrispondenti għall-vetturi li jimmanifatturaw.

KAPITOLU II

OBBLIGI TAL-MANIFATTURI

Artikolu 4

L-obbligi tal-manifatturi dwar il-konstruzzjoni tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi l-ġodda li huma jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jidħlu fis-servizz fl-Unjoni, ikollhom it-tip approvat f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Mid-dati ta’ applikazzjoni speċifiċi stipulati f’dan ir-Regolament, il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati l-ġodda, inkluż il-magni, il-batteriji tat-trazzjoni, is-sistemi tal-brejkijiet, it-tajers u s-sistemi ta’ sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis li jeħtieġu l-approvazzjoni tat-tip li jimmanifatturaw u li jinbiegħu jew jidħlu fis-servizz fl-Unjoni jkollhom it-tip approvat f’konformità ma’ dan ir-Regolament.
2. Il-manifatturi għandhom jiddisinnaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness I taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III u jirrispettaw il-valuri ddikjarati fiċ-ċertifikat ta’ konformità u fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stipulat fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawk il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi “Euro 7”.

3. Fejn applikabbli, meta l-manifatturi, l-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni jew partijiet terzi rikonoxxuti jkunu qed jivverifikaw il-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost, meta l-ittestjar jitwettaq f'kundizzjonijiet ta' sewqan estiżi, l-emissjonijiet għandhom jiġu diviżi bid-diviżur tas-sewqan estiż stipulat fir-Regolament Nru 168 tan-NU ⁽²⁵⁾.
4. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw u jibnu sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, inkluż magni, muturi elettriki, batteriji tat-trazzjoni, sistemi tal-brejkijiet, tajers u sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness I taħt il-kundizzjonijiet ta' ttestjar stipulati fl-Anness III.
5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparati ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni.
6. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi tal-kategoriji M_1 , M_2 , M_3 , N_1 , N_2 u N_3 b':
- (a) sistemi OBD li jistgħu jindividwaw sistemi li jiffunzjonaw ħażin li jwasslu għal eċċessi tal-emissjonijiet tal-egżost jew il-funzjonament ħażin ta' komponenti relatati mar-rendiment tal-emissjonijiet sabiex jiffaċilitaw it-tiswijiet;
 - (b) sistemi OBM li kapaċi jimmonitorjaw l-emissjonijiet tal-egżost;
 - (c) apparati OBFCM li jimmonitorja l-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika tagħhom f'kundizzjonijiet reali u parametri rilevanti oħrajn, li huma meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-effiċjenza tagħhom fl-użu tal-fjuwil u tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali;
 - (d) monitors SOH tal-batterija tat-trazzjoni;
 - (e) sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet tal-egżost eċċessivi;
 - (f) sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti;
 - (g) apparati li jikkomunikaw barra l-vettura *data* ġġenerata mill-vettura użata għall-konformità ma' dan ir-Regolament u *data* tal-OBFCM, inkluż għall-fini ta' testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁶⁾ u spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt f'konformità mad-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁷⁾, u għall-fini ta' komunikazzjoni ma' infrastruttura tal-irriċarġjar u ma' sistemi tal-enerġija stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.
7. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi tal-kategoriji M_1 , M_2 , M_3 , N_1 , N_2 u N_3 b'tali mod li jimminimizzaw il-vulnerabbiltajiet li jinħolqu fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li jistgħu jwasslu għal tbaġħbis ta' dawn li ġejjin:
- (a) is-sistema ta' injezzjoni tal-fjuwil u tar-reaġent,
 - (b) il-magna u l-unitajiet ta' kontroll tal-magna,
 - (c) il-batteriji tat-trazzjoni u sistemi ta' ġestjoni relatati,
 - (d) l-odometru,
 - (e) is-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis,
 - (f) il-mutur elettriku u l-unitajiet ta' kontroll relatati,

⁽²⁵⁾ Ir-Regolament tan-NU Nru 168 — Dispżizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali hñief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE).

⁽²⁶⁾ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

⁽²⁷⁾ Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134).

- (g) l-apparat OBFCM,
- (h) is-sistema OBD,
- (i) is-sistema OBM, u
- (j) l-EVP.

8. Il-manifatturi għandhom jipprevjenu l-possibbiltà tal-isfruttar tal-vulnerabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu 7 sal-aktar limitu possibbli abbażi tal-aqwa għarfien disponibbli fil-ħin tal-approvazzjoni tat-tip. Meta tinstab tali vulnerabbiltà, il-manifatturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha possibbli, filwaqt li jqisu l-istat tat-teknoloġija, biex ineħħu l-vulnerabbiltà, permezz ta' aġġornament tas-software jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor.

9. Il-manifatturi ma għandhomx iċaħħdu l-aċċess għal raġunijiet ta' kontra t-tbagħbis għal informazzjoni, għodod jew proċessi meħtieġa għall-iżvilupp, l-installazzjoni u l-attivazzjoni ta' spare parts kompatibbli tas-suq ta' wara l-bejgħ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi tal-manifattur għajr jekk ikunu jistgħu juru li ż-żamma ta' informazzjoni, għodod u proċessi inkwistjoni hija mezz proporzjonat biex jiġi indirizzat it-tħassib ta' kontra t-tbagħbis inkwistjoni.

10. Id-data ambjentali dwar it-tip ta' vettura u l-prestazzjoni ambjentali ta' vetturi individwali għandha tkun disponibbli għall-utenti u, fejn xieraq, murija ġewwa l-vettura. Dik id-data għandha tkopri d-data mill-EVP, mis-sistema OBM u mill-apparat OBFCM, inkluż il-valuri tul il-ħajja, u l-istat tas-saħħa tal-batterija tat-trażżjoni.

11. Il-manifatturi għandhom jiżguraw it-trażmissjoni sigura tad-data relatata mal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija billi jieħdu miżuri ta' ċibersigurtà f'konformità mar-Regolament Nru 155 ⁽²⁸⁾ tan-NU.

Artikolu 5

Għażliet tal-manifatturi dwar il-kostruzzjoni u d-deżinjazzjoni tal-vetturi

1. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw vetturi bħala vetturi "Euro 7G" meta daww il-vetturi jkunu mgħammra b'magni ta' kombustjoni interna b'teknoloġiji tal-geofencing. Il-manifattur għandu jinstalla fuq daww il-vetturi sistema ta' twissija għas-sewwieq sabiex jinforma lill-utent meta l-batterija tat-trażżjoni jkunu kważi vojta u sabiex iwaqqaf il-vettura jekk ma tkunx ġiet iċċarġjata f'distanza ta' 5 kilometri mill-ewwel twissija waqt li tkun fuq modalitè b'emissjonijiet żero ġewwa ż-żona ta' geofencing. L-applikazzjoni ta' tali teknoloġiji tal-geofencing għandha tintwera lill-awtorità tal-approvazzjoni matul l-approvazzjoni tat-tip u tiġi vverifikata matul il-ħajja tal-vettura.
2. Fuq talba tal-manifattur, għal vetturi tal-kategorija N₂ b'massa massima ta' bejn 3,5 u 5 tonnelli li toriġina minn tip ta' vettura tal-kategorija N₁, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tagħti approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet jekk il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti għat-tip ta' vettura tal-kategorija N₁. Daww il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi "Euro 7ext".
3. Il-manifatturi jistgħu jibnu vetturi li jikkombinaw il-karatteristiċi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u jiddezinjawhom bħala vetturi "Euro 7ext".

Artikolu 6

Ir-rekwiżiti tad-durabbiltà għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi li jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jidħlu fis-servizz fl-Unjoni, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I meta daww il-vetturi jinstantu taħt il-kundizzjonijiet tat-test kif stabbilit fl-Anness III, għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV, u jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni f'dak li jirrigwarda d-durabbiltà tal-batterija kif stabbilit fl-Anness II.
2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi msemmijin fil-paragrafu 1 jikkonformaw mal-valuri rigward l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika u l-effiċjenza enerġetika ddikjarati skont dan ir-Regolament għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stabbilit fl-Anness IV.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament tan-NU Nru 155 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward ta' ċibersigurtà u s-sistema ta' ġestjoni ta' ċibersigurtà.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li d-disinn u l-funzjonalità tal-apparati OBFCM u tas-sistemi OBD u OBM u l-miżuri kontra t-tbagħbis installati f'dawn il-vetturi msemminja fil-paragrafu 1 jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u li daww l-apparati, is-sistemi u l-miżuri ma jkunux jistgħu jiġu diżattivati sakemm daww il-vetturi jkunu qegħdin jintużaw.
 4. Ir-reqwiżiti msemminjin fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw irrispettivament mit-tip ta' fjuwil jew sors tal-enerġija li bih jiġihaddmu l-vetturi. Daww ir-reqwiżiti għandhom japplikaw ukoll għall-unitajiet tekniċi separati u l-komponenti kollha maħsuba għal tali vetturi.
 5. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-reqwiżiti msemminja fil-paragrafu 1 matul il-ħajja addizzjonali ta' vettura, il-limiti ta' inkwinanti gassużi stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati bl-użu tal-multiplikaturi tad-durabbiltà stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness IV.
 6. Is-sistemi OBM installati mill-manifattur fil-vetturi għandhom ikunu kapaċi:
 - (a) jimmonitorjaw u jirreġistraw l-emissjonijiet tal-egżost kollha ta' NO_x , NH_3 u PM minn vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 u ta' NO_x u PM minn vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 u jidentifikaw emissjonijiet li jaqbu l-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I b'mill-inqas darbtejn u nofs;
 - (b) jikkomunikaw data dwar il-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet tal-egżost u d-data dwar id-durabbiltà tal-batterija tal-vettura permezz tal-port OBD, inkluż għall-fini ta' testijiet tal-affidabbiltà stradali f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE u spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt f'konformità mad-Direttiva 2014/47/UE, u b'mod anonimu fl-arja għall-fini tal-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta' vetturi;
 - (c) jiskattaw is-sistema ta' twissija għas-sewwieq meta l-emissjonijiet tal-egżost jinqabżu b'mod sinifikanti, bl-użu ta' metodi armonizzati biex isiru tiswijiet fi żmien xieraq, mingħajr ma jipprevjenu lill-vetturi milli jlestu vjaġġ li jkun għaddej sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' sikurezza fit-toroq.
 7. L-apparati OBFCM installati mill-manifatturi fil-vetturi msemminjin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw id-data tal-vettura rilevanti legalment meħtieġa kollha li jirreġistraw, permezz tal-port OBD u fuq l-arja.
 8. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jippreżentaw riskju serju jew nuqqas ta' konformità mar-reqwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-manifatturi, malli jindunaw b'dan, għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih, inkluż it-tiswijiet jew il-modifiki ta' dik il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, kif xieraq, sabiex jeliminaw ir-riskju serju jew sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-manifatturi u kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor għandhom japplikaw kif xieraq ir-Regolament (UE) 2018/858.
- Il-manifatturi għandhom jinformat minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip dwar in-nuqqas ta' konformità, u jipprovdu d-dettalji xierqa.

Artikolu 7

Obbligi tal-manifatturi dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet

1. Sabiex tintwera l-konformità mar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet matul l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifatturi għandhom iwettqu t-testijiet speċifikati fit-Tabelli 1, 3, 5, 7, 9 u 11 tal-Anness V. Għall-fini tal-verifika tal-konformità tal-produzzjoni mar-reqwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jintgħażlu fil-bini tal-manifattur mill-awtorità tal-approvazzjoni jew mill-manifattur. Il-konformità waqt is-servizz għandha tiġi vverifikata għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV.
2. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata fir-rigward tal-RDE, il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas- CO_2 , is-sistemi OBD u OBM, l-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija, ir-riġenerazzjoni kontinwa jew peridika, ir-reqwiżiti kontra t-tbagħbis u għall-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank kif speċifikati fl-Anness V. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata dwar l-użu tal-għażla ta' geofencing meta tkun intgħażlet dik l-għażla.
3. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jittestjaw it-tip ta' vettura sabiex jivverifikaw il-konformità tagħha matul il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz jew is-sorveljanza tas-suq kif speċifikat fl-Anness V.

4. Il-manifatturi għandhom jorġu EVP għal kull vettura u jagħtu dak il-passaport lix-xerrej flimkien mal-vettura, filwaqt li jieħdu d-data rilevanti minn sorsi bħaċ-ċertifikat ta' konformità u d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li d-data tal-EVP tkun disponibbli għall-wiri fis-sistemi elettroniċi tal-vettura jew permezz ta' kodič QR, jew bi kwalunkwe metodu simili, u li d-data tal-EVP tkun tista' tiġi trażmessa minn abbord għal barra l-vettura.

5. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2018/858 għandu japplika għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, għall-konformità tal-produzzjoni u għall-konformità waqt is-servizz.

Artikolu 8

Regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir

1. Fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, il-manifatturi ta' volum żgħir jistgħu jissostitwixxu t-testijiet stabbiliti fit-Tabelli 1, 3, 5, 7, 9 u 11 tal-Anness V b'dikjarazzjonijiet ta' konformità. Il-konformità tal-vetturi minnha u introdotti fis-suq minn manifatturi ta' volum żgħir tista' tiġi ttestjata għall-konformità waqt is-servizz u għas-sorveljanza tas-suq skont it-Tabelli 2, 4, 6, 8, 10 u 12 tal-Anness V. Ma għandhomx ikunu meħtieġa testijiet tal-konformità tal-produzzjoni stipulati fl-Anness V.

L-Artikolu 4(6), il-punti (b), (c) u (e), ma għandhomx japplikaw għal manifatturi ta' volum żgħir ta' vetturi tal-kategorija M₁ jew N₁.

2. Il-manifatturi ta' volum żgħir ħafna għandhom juru konformità mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness I f'testijiet kemm fuq it-triq jew fl-laboratorju bbażati fuq ċikli ta' sewqan reali għall-finijiet ta' konformità waqt is-servizz u ta' sorveljanza tas-suq.

Artikolu 9

Regoli speċjali għal vetturi b'magna tat-tip approvat

1. Fil-każ ta' approvazzjoni ta' tip ta' vettura tal-kategorija M₂, M₃, N₂ jew N₃ b'magna tat-tip approvat, il-manifattur tal-vettura għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet. Dak l-obbligu għandu jkopri wkoll l-installazzjoni tal-magna fil-vettura. Meta l-installazzjoni tal-magna tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-installazzjoni tal-magna mogħtija mill-manifattur tal-magna u soġġetta għal qbil minn qabel bejn il-manifattur tal-vettura u l-manifattur tal-magna, il-manifattur tal-magna jista' jsir responsabbli li juri l-konformità mar-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz.

2. Fil-każ ta' vettura b'magna tat-tip approvat, il-manifattur tal-magna għandu jwettaq l-approvazzjoni tat-tip relatata mal-vettura u t-testijiet tal-konformità tal-produzzjoni speċifikati fit-Tabella 3 tal-Anness V, li l-manifattur tal-vettura huwa eżentat minnhom. Il-manifattur tal-magna għandu jwettaq ukoll it-testijiet relatati mal-konformità waqt is-servizz, fejn il-manifattur tal-magna jsir responsabbli li juri l-konformità mar-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz tal-vettura, ħlief għad-determinazzjoni tas-CO₂ li għaliha jibqa' responsabbli l-manifattur tal-vettura.

3. Ir-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip u l-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz ta' vetturi li fihom tiġi installata magna tat-tip approvat għandhom ikopru b'mod partikolari l-karatteristiċ tal-approvazzjoni tat-tip tal-magna li jridu jitqiesu, l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-manifattur tal-magna lill-manifattur tal-vettura u l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għall-konformità waqt is-servizz.

KAPITOLU III

OBBLIGI TAL-ISTATI MEMBRI Għall-APPROVAZZJONI TAT-TIP FIR-RIGWARD TAL-EMISSIONIJET U Għas-SORVELJANZA TAS-SUQ

Artikolu 10

L-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jistabbilixxu miżuri sabiex jagħtu approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet lil tipi ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet teknič separati u sabiex iwettqu testijiet, kontrolli u spezzjonijiet sabiex jivverifikaw jekk il-manifatturi jikkonformawx mar-rekwiżiti għall-konformità tal-produzzjoni u għall-konformità waqt is-servizz f'konformità mal-Anness V.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/858 u mat-Tabelli 2, 4, 6, 8, 10 u 12 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

3. B'effett mill-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni kollha msemmijin fl-Artikolu 14 (8), fejn manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura tal-kategorija M_1 jew N_1 , jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vettura ġdida li tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

B'effett mill-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni kollha msemmijin fl-Artikolu 14(9), fejn manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura tal-kategorija M_2 , M_3 , N_2 jew N_3 jew magna maħsuba għal tali vetturi, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vettura jew magna ġdida li tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

4. B'effett mid-29 ta' Novembru 2026, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom, fil-każ ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija M_1 jew N_1 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali lil tali tipi ġodda ta' vetturi għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija.

5. B'effett mid-29 ta' Novembru 2027, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 jew N_1 ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jikkunsidraw li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi ġodda għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija.

6. B'effett mid-29 ta' Mejju 2028, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom, fil-każ ta' tipi ġodda ta' vetturi tal-kategorija M_2 , M_3 , N_2 jew N_3 u tipi ġodda ta' trejlers tal-kategorija O_3 jew O_4 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali lil tali tipi ġodda ta' vetturi u trejlers għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika jew id-durabbiltà tal-batterija.

7. B'effett mid-29 ta' Mejju 2029, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda tal-kategorija M_2 , M_3 , N_2 jew N_3 u trejlers ġodda tal-kategorija O_3 jew O_4 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jikkunsidraw li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi u trejlers ġodda għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija.

8. B'deroga mill-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, sal-31 ta' Diċembru 2029, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippermettu, għal vetturi tal-kategorija M_2 jew M_3 li għalihom ikun hemm mira ta' 100 % emissjonijiet żero mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030 f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1242, ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament iżda li jkollhom approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet valida f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 595/2009.

9. B'effett mill-1 ta' Lulju 2030, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda tal-kategorija M_1 jew N_1 mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jikkunsidraw li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi ġodda għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija.

10. B'effett mill-1 ta' Lulju 2031, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi ġodda tal-kategorija M_2 , M_3 , N_2 jew N_3 mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, jikkunsidraw li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx validi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi u trejlers ġodda għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija.

Artikolu 11

Obbligi speċifiċi tal-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati

1. B'effett mid-29 ta' Novembru 2026, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwāhhlu fuq vettura tal-kategorija M_1 jew N_1 approvata skont dan ir-Regolament, meta s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. B'effett mid-29 ta' Mejju 2028, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwāhħlu fuq vettura tal-kategorija M_2 , M_3 , N_2 jew N_3 , jew fuq trejler ġdid tal-kategorija O_3 jew O_4 approvati skont dan ir-Regolament, meta s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu jkomplu jagħtu estensjonijiet lill-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE tas-sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis skont it-termini li kienu japplikaw fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet oriġinali. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-bejgħ jew l-installazzjoni fuq vettura ta' tali sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sakemm ma jkollhomx it-tip approvat.

4. B'effett mill-1 ta' Lulju 2028, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponenti jew unitajiet tekniċi separati biss fir-rigward ta' tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_1 li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2030, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni fis-suq ta' tajers tal-klassi C_1 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda mgħammra b'tajers tal-klassi C_1 meta daww it-tajers ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.

It-tajers tal-klassi C_1 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq sat-30 ta' Ġunju 2032.

5. B'effett mill-1 ta' April 2030, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponenti jew unitajiet tekniċi separati biss fir-rigward ta' tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_2 li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

B'effett mill-1 ta' April 2032, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni fis-suq ta' tajers tal-klassi C_2 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda mgħammra b'tajers tal-klassi C_2 meta daww it-tajers ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.

It-tajers tal-klassi C_2 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq sal-31 ta' Marzu 2034.

6. B'effett mill-1 ta' April 2032, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponenti jew unitajiet tekniċi separati biss fir-rigward ta' tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_3 li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

B'effett mill-1 ta' April 2034, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni fis-suq ta' tajers tal-klassi C_3 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda mgħammra b'tajers tal-klassi C_3 meta daww it-tajers ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.

It-tajers tal-klassi C_3 li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq sal-31 ta' Marzu 2036.

Artikolu 12

Tħaddim ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-tniġġis

1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi indipendenti ma għandhomx ibagħbsu l-vetturi u s-sistemi tagħhom.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom, matul il-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz jew tas-sorveljanza tas-suq, jivverifikaw jekk il-manifatturi tal-vetturi jkunux installaw b'mod korrett sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet tal-egżost eċċessivi u sistemi ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti u jekk il-vetturi jistgħux jiġu mbağħbsa.

KAPITOLU IV

IR-RWOL TAL-KUMMISSJONI U TA' PARTIJET TERZI RIKONOXXUTI GĦALL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ U GĦAS-SORVELJANZA TAS-SUQ

Artikolu 13

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test mill-Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti

1. Il-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz u tas-sorveljanza tas-suq kif stipulati fit-Tabelli 2, 4, 6, 8, 10, u 12 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/858 u jistgħu jitwettqu minn partijiet terzi rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 13(10) ta' dak ir-Regolament, biex tiġi vverifikata l-konformità tal-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ma' dan ir-Regolament.

2. Il-manifatturi għandhom jagħmlu d-*data* meħtieġa għat-twettiq ta' tali kontrolli disponibbli għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 13(10) tar-Regolament (UE) 2018/858.

KAPITOLU V

TESTIJET U DIKJARAZZJONIJIET

Artikolu 14

Proċeduri u testijiet

1. Il-proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għandhom jinkludu testijiet u kontrolli kif speċifikat fl-Anness V kif ukoll il-proċeduri amministrattivi u r-reqwiziti ta' dokumentazzjoni kollha. Għall-iskop li tintwera l-konformità mar-reqwiziti speċifikati fl-Anness V, fejn applikabbli, il-manifattur għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità lill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. It-testijiet biex tintwera l-konformità mar-reqwiziti ta' dan ir-Regolament għandhom jitwettqu mill-manifatturi u mill-awtoritajiet nazzjonali kif speċifikat fl-Anness V. It-testijiet biex tintwera l-konformità mar-reqwiziti ta' dan ir-Regolament jistgħu jitwettqu mill-Kummissjoni u minn partijiet terzi rikonoxxuti kif speċifikat fl-Anness V. Fejn test ikun speċifikat bħala fakultattiv fit-Tabelli 1, 3, 5, 7, 9 u 11 tal-Anness V, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' titlob li t-test speċifikat isir.

It-testijiet speċifikati fit-Tabelli 1, 3, 5, 7, 9 u 11 tal-Anness V iridu jitwettqu mill-manifatturi. It-testijiet speċifikati fit-Tabelli 2, 4, 6, 8, 10 u 12 tal-Anness V iridu jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-Kummissjoni u minn partijiet terzi rikonoxxuti.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-proċeduri u l-metodoloġiji tat-testijiet, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, il-proċeduri u l-metodoloġiji għall-emendar u l-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u l-aċċess għad-*data*, ir-reqwiziti ta' dokumentazzjoni u l-mudelli għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq, għal dawn kollha li ġejjin:

- (a) vetturi tat-tip tal-kategoriji M_1 u N_1 ;
- (b) vetturi tat-tip tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 ;
- (c) magni użati f'vetturi tat-tip tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 ;
- (d) is-sistemi OBM u OBD;
- (e) is-sistema ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi;
- (f) is-sistema ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti;
- (g) is-sistemi ta' kontra t-tbagħbis, tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà;
- (h) it-tipi ta' sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis u l-parts tagħhom;
- (i) it-tipi ta' sistemi tal-brejkijiet u l-parts ta' sostituzzjoni tagħhom, fir-rigward tal-emissjonijiet tal-partikoli;
- (j) it-tajers tal-klassi C_1 , C_2 u C_3 , fir-rigward tal-brix tat-tajers;
- (k) it-tipi ta' komponenti oħrajn u l-parts ta' sostituzzjoni tagħhom;
- (l) l-emissjonijiet ta' CO_2 , il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija elettrika u l-potenza għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 , id-dispożizzjonijiet għall-apparati OBFCM;
- (m) l-emissjonijiet ta' CO_2 , il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija b'emissjonijiet zero, l-awtonomija elettrika u tal-potenza għal vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 , l-effiċjenza enerġetika tat-trejlers tal-kategoriji O_3 u O_4 , id-dispożizzjonijiet għall-apparati OBFCM.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità waqt is-servizz, il-konformità tal-produzzjoni u s-sorveljanza tas-suq, sabiex tistabbilixxi dawn li ġejjin:

- (a) il-metodi sabiex jitkejl l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq skont l-użu tas-soltu waqt is-sewqan reali u l-użu ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali;
- (b) il-metodi sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' CO₂, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija b'emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika u l-potenza ta' vettura bil-mutur;
- (c) il-metodi, ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet;
- (d) il-metodi sabiex tiġi ddeterminata l-effiċjenza enerġetika tat-trejlars tal-kategoriji O₃ u O₄;
- (e) il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank;
- (f) il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet evaporattivi;
- (g) il-metodi sabiex jitkejl l-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet, inkluż il-metodi għal vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃, l-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet waqt is-sewqan reali u l-ibbrejkar riġenerattiv;
- (h) il-metodi għall-kejl tal-brix tat-tajers;
- (i) il-metodi sabiex tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija;
- (j) il-metodi, ir-rekwiżiti u t-testijiet, inkluż il-limiti tal-konformità, sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tal-apparati OBFCM, is-sistemi OBD u OBM u s-sensuri ta' tali apparati u sistemi, kif ukoll il-komunikazzjoni barra l-vettura tad-data rreġistrata minn tali apparati u sistemi;
- (k) il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodi sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim tagħhom;
- (l) il-metodi sabiex jiġu vvalutati t-tħaddim, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis;
- (m) il-metodi sabiex tiġi żgurata u vvalutata l-konformità mal-Artikolu 4(5), inkluż il-metodoloġija għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u l-protezzjoni mit-tbagħbis;
- (n) il-metodi sabiex tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet applikabbli għal vetturi mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir u żgħir ħafna kif stipulati fl-Artikolu 8 u proċeduri għall-ittestjar ta' tali vetturi;
- (o) il-metodi sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament tat-tipi ta' vetturi approvati skont id-deżinjazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5;
- (p) il-kontrolli għall-konformità mal-Artikolu 9 (1) u (2) u l-proċeduri ta' ttestjar għall-vetturi mibnija f'diversi stadji;
- (q) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir tat-test;
- (r) l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza użati għall-ittestjar;
- (s) il-metodi sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni;
- (t) il-format u d-data u l-metodi ta' komunikazzjoni barra l-vettura għall-EVP, u l-metodi għall-wiri fil-vettura ta' data ambjentali dwar it-tip ta' vettura u l-prestazzjoni ambjentali tal-vettura individwali;
- (u) ir-rekwiżiti amministrattivi u ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq;
- (v) l-obbligi ta' rapportar, fejn xieraq.

5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

6. Kwalunkwe att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafi 3 u 4 għandu jkopri wieħed jew aktar mill-elementi msemmijin fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (m), flimkien ma' element wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (v).

7. Għall-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-kategoriji M_1 u N_1 , il-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet ta' inkwinanti mill-egżost u tal-emissjonijiet evaporattivi għandhom jirriflettu dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1151, kif applikabbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti.

8. Sad-29 ta' Mejju 2025 il-Kummissjoni għandha tadotta għall-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 , kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punt (a), l-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (a), (e), (f), (k), (q), (r), (s), (t), (u) u (v);
- (b) fir-rigward tal-metodi biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' CO_2 , il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija b'emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika, il-potenza tal-vettura kif ukoll il-prestazzjoni tal-apparati OBFCM, kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (b), (c) u (j);
- (c) fir-rigward tas-sistemi OBM u OBD, kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (j) u (k).

9. Sad-29 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni għandha tadotta, għall-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 , kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-punti (b) u (c), rispettivament, u l-magni tagħhom, kif ukoll għat-trejlers tal-kategoriji O_3 u O_4 , l-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, kif imsemmi fil-paragrafi 4, il-punti (a), (e), (k), (q), (r), (s), (t), (u) u (v);
- (b) fir-rigward tal-metodi biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ta' CO_2 , il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, l-awtonomija b'emissjonijiet żero, l-awtonomija elettrika, il-potenza tal-vettura kif ukoll il-prestazzjoni tal-apparati OBFCM, kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (b), (d) u (j);
- (c) fir-rigward tas-sistemi OBM u OBD, kif imsemmi fil-paragrafu 4, il-punti (j) u (k).

Artikolu 15

Adattament għall-progress tekniku

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku sabiex temenda dan ir-Regolament kif ġej:

- (a) l-Artikolu 5 billi jiġu introdotti għażliet u deżinjazzjonijiet addizzjonali bbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi;
- (b) jiġu stabbiliti regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir għall-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 skont l-Artikoli 3 u 8;
- (c) fejn xieraq, jiġu stabbiliti l-limiti ta' emissjonijiet għall-formaldeid mill-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 fit-Tabella 2 tal-Anness I, wara r-rieżami f'konformità mal-Artikolu 18(6), u fuq il-bażi tiegħu;
- (d) it-Tabella 2 tal-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test għall-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 , abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati l-vetturi "Euro 7";
- (e) it-Tabelli 4 u 5 tal-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test, abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati l-brejkijiet jew it-tajers "Euro 7";
- (f) jiġu stabbiliti l-multiplikaturi tad-durabbiltà fit-Tabella 2 tal-Anness IV abbażi tad-*data* miġbura meta jiġu ttestjati l-emissjonijiet tal-egżost tal-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 u rapport dwar id-durabbiltà tal-vetturi tqal ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 18(3);
- (g) l-Anness V, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d-dikjarazzjonijiet tat-test.

2. Meta tkun ġiet adottata proposta għal Regolament tan-NU, għal Regolament Tekniku Globali jew għal emenda għal Regolament tan-NU jew għal Regolament Tekniku Globali u mingħajr dewmien żejjed wara din l-adozzjoni, jew fuq il-bażi tar-rapporti ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 18(4) u (5), fejn xieraq, filwaqt li jitqies il-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16, li jemendaw dan ir-Regolament kif ġej:

- (a) jistabbilixxu l-limiti ta' emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet fl-Anness I f'konformità mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati u, jekk ikun xieraq, b'referenza għall-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-Nazzjonijiet Uniti (UN WP.29), inkluż, fejn rilevanti, l-emendar tat-Tabelli 5, 6, 7 u 8 tal-Anness I, rispettivament, billi jiġu previsti limiti jew kriterji differenti skont il-kategoriji tal-vetturi u t-teknoloġiji tal-motopropulsjoni;

- (b) jistabbilixxu limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers fl-Anness I, b'referenza għax-xogħol tal-UN WP.29;
- (c) jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-batteriji stipulati fl-Anness II, f'konformità mat-teknoloġiji u l-arkitettura tal-batteriji l-aktar avvanzati kif ukoll l-applikazzjoni tagħhom, b'mod partikolari f'vetturi żgħar, u filwaqt li jitqiesu kriterji bħall-kilometraġġ u l-perjodi tal-ħajja għall-kategoriji kollha tal-vetturi b'rabta mal-prestazzjoni tal-batterija.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda dan ir-Regolament billi jġu stabbiliti l-limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers imsemmijin fl-Anness I fejn il-UN WP.29 ma jkunx adotta dispożizzjonijiet uniformi qabel l-iskadenza rilevanti stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-ħidma tal-UN WP.29 u b'referenza għaliha, fejn xieraq, u filwaqt li jitqies il-progress tekniku, sal-1 ta' Lulju 2027 għat-tajers tal-klassi C₁, sal-1 ta' April 2029 għat-tajers tal-klassi C₂ u sal-1 ta' April 2031 għat-tajers tal-klassi C₃.

3. Fejn il-UN WP.29 ma jkunx adotta dispożizzjonijiet uniformi sal-1 ta' Lulju 2026 għat-tajers tal-klassi C₁, sal-1 ta' April 2028 għat-tajers tal-klassi C₂ u sal-1 ta' April 2030 għat-tajers tal-klassi C₃, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa metodu għall-kejl tal-brix tat-tajers u għandha tiddefinixxi l-limiti tal-brix għat-tajers fuq il-bażi tal-metodi l-aktar avvanzati eżistenti.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

- Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
- Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 15(1) u (2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mit-28 ta' Meju 2024. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
- Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 15 (1) u (2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
- Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
- Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- Att delegat adottat skont l-Artikolu 15(1) jew (2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' Kumitat

- Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Rappurtar u rieżami

1. Sal-1 ta' Settembru 2030, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
 2. Sal-1 ta' Settembru 2031, abbażi tal-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż valutazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-egżost u mhux tal-egżost miksuba.
 3. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jivvaluta l-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet.
 4. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar id-durabbiltà tal-batteriji li jirrieżamina l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħala bażi għal rieżami tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni, bil-ksieb tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmijin fl-Artikolu 15(2), il-punt (c).
- Dak ir-rapport għandu jivvaluta, fost l-oħrajn, kemm hu xieraq li jiġu stipulati rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni għal vetturi sa mill-inqas 10 snin jew 200 000 km, skont liema jiġi l-ewwel.
5. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet li jirrevedi l-metodi ta' kejl u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bil-ksieb tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), dwar il-livell tal-limiti tal-emissjonijiet tat-tieni stadju mniżżla fit-Tabelli 5, 6, 7 u 8 tal-Anness I.
 6. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha ttwettaq rieżami ta' kemm hu xieraq li jiġi stipulat limitu speċifiku għall-emissjonijiet ta' formaldeid b'rabta mal-vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 , fuq il-bażi tal-użu mistenni ta' fjuwils li jwasslu għal żieda fl-emissjonijiet tal-formaldeid, bil-ksieb tal-adozzjoni possibbli tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 15(1), il-punt (c).

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 19

Emenda għar-Regolament (UE) 2018/858

L-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament minn operaturi ekonomiċi, operaturi indipendenti, u servizzi tekniċi u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. B'mod partikolari, dawk il-penali għandhom ikunu proporzjonati għall-gravità tan-nuqqas ta' konformità u għall-għadd ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi li jitqiegħdu fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.";

(2) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Minbarra t-tipi ta' ksur stipulati fil-paragrafu 2, it-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi li huma wkoll soġġetti għall-penali għandhom tal-inqas ikunu dawn li ġejjin:

(a) ir-rifjut tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni;

(b) it-tqegħid fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni, jew il-falsifikazzjoni ta' dokumenti, ċertifikati ta' konformità, pjanċi statutorji jew marki tal-approvazzjoni b'dik l-intenzjoni;

(c) it-tbagħbis tal-vettura u s-sistemi tagħha.";

(3) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3a. Minbarra t-tipi ta' ksur stipulati fil-paragrafi 2 u 3, it-tipi ta' ksur mill-manifatturi li jkunu wkoll soġġetti għall-penali għandhom tal-inqas ikunu dawn li ġejjin:

- (a) il-falsifikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet għall-konformità waqt is-servizz fl-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet;
 - (b) id-disinn, il-bini u l-assemblaġġ ta' vetturi b'apparat ta' manipolazzjoni jew strateġiji ta' manipolazzjoni, li jwasslu biex vettura mhux konformi tidher konformi ma' dan ir-Regolament;
 - (c) id-disinn, il-bini u l-assemblaġġ ta' vetturi tal-kategoriji M_1 , M_2 , M_3 , N_1 , N_2 u N_3 mingħajr is-sistemi meħtieġa ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet tal-egżost eċċessivi jew dwar konsum baxx ta' reaġenti.
- 3b. It-tipi ta' ksur minn operaturi indipendenti soġġetti għal penali għandhom jinkludu mill-inqas it-tbagħbis tal-vettura u s-sistemi tagħha.”.

Artikolu 20

Tħassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2030.

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2031.

Ir-referenzi għar-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-Regolament (UE) 2017/1151 jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2030.

Ir-Regolamenti (UE) Nru 582/2011 u (UE) 2017/2400, kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1362 jitħassru b'effett mill-1 ta' Lulju 2031.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Novembru 2026 għal tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 u komponenti, sistemi u unitajiet tekniċi separati maħsubin għal vetturi tal-kategoriji M_1 jew N_1 tipi approvati taħt dan ir-Regolament u mid-29 ta' Novembru 2027 għal vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 ġodda u komponenti, sistemi u unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi.

Għandu japplika mid-29 ta' Mejju 2028 għal tipi ġodda ta' vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 , N_3 , O_3 u O_4 u komponenti, sistemi u unitajiet tekniċi separati maħsubin għal vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 , N_3 , O_3 jew O_4 tipi approvati taħt dan ir-Regolament u mid-29 ta' Mejju 2029 għal vetturi ġodda tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 , N_3 , O_3 u O_4 u komponenti, sistemi u unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2028 għal tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_1 , mill-1 ta' April 2030 għal tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_2 u mill-1 ta' April 2032 għal tipi ġodda ta' tajers tal-klassi C_3 .

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2030 għal vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir u mill-1 ta' Lulju 2031 għal vetturi tal-kategoriji M_2 , M_3 , N_2 u N_3 mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir.

Madankollu, l-Artikolu 11(3) għandu japplika mit-28 ta' Mejju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' April 2024.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

R. METSOLA

Għall-Kunsill

Il-President

M. MICHEL

LIMITI TAL-EMISSIONIJET EURO 7

Tabella 1 Il-limiti tal-emissionijet tal-egżost Euro 7 għal vetturi tal-kategoriji M1 u N1 b'magna ta' kombustjoni interna

		Massa fi stat ta' tħaddim (MRO) (kg)	Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi Nonmetaniċi (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO _x)		Massa kombinata ta' idrokarburi totali u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO _x)		Massa ta' materja partikolata (PM)		Numru ta' Partikoli (PN ₁₀)	
			L ₁ (mg/km)		L ₂ (mg/km)		L ₃ (mg/km)		L ₄ (mg/km)		L ₂ + L ₄ (mg/km)		L ₅ (mg/km)		L ₆ (#/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI
M ₁	—		1 000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	4,5	4,5	6x10 ¹¹	6x10 ¹¹
N ₁	I	MRO ≤ 1 280	1 000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	4,5	4,5	6x10 ¹¹	6x10 ¹¹
	II	1 280 < MRO ≤ 1 735	1 810	630	130	—	90	—	75	105	—	195	4,5	4,5	6x10 ¹¹	6x10 ¹¹
	III	1 735 < MRO	2 270	740	160	—	108	—	82	125	—	215	4,5	4,5	6x10 ¹¹	6x10 ¹¹

Nota: PI = tqabbid bi spark
CI = tqabbid bil-kompressjoni

Tabella 2 Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost Euro 7 għall-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3 b'magna ta' kombustjoni interna u l-magni ta' kombustjoni interna użati f'dawk il-vetturi

Emissjonijiet ta' inkwinanti	WHSC (CI) u WHTC (CI u PI)	Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE)
	għal kull kWh	għal kull kWh
NO _x fmg	200	260
PM fmg	8	—
PN ₁₀ fi #	6x10 ¹¹	9 x 10 ¹¹
CO fmg	1 500	1 950
NMOG fmg	80	105
NH ₃ fmg	60	85
CH ₄ fmg	500	650
N ₂ O fmg	200	260

Nota: PI = tqabbid bi spark
CI = tqabbid bil-kompressjoni

Tabella 3 Il-limiti tal-emissjonijiet evaporattivi Euro 7 għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ li jaħdmu bil-petrol

Massa ta' emissjoni evaporattiva (g/test)
1,5

Tabella 4 Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet Euro 7 fiċ-ċiklu tas-sewqan standard li japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2029, bit-teknoloġija tal-motopropulsjoni

Il-limiti tal-emissjonijiet fmg/km għal kull vettura	Vetturi tal-kategoriji M ₁ u N ₁ , bl-esklużjoni ta' N ₁ , Klassi III (*)				
	PEV	OVC-HEV	NOVC-HEV	FCV/FCH	ICEV
Teknoloġija tal-motopropulsjoni					
Emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet (PM ₁₀)	3	7	7	7	7

(*) Għal vetturi N1, Klassi III, il-limiti applikabbli huma kif ġej: PEV 5 mg/km; OVC-HEV, NOVC-HEV, FCV/FCH u ICEV 11 mg/km.

Tabella 5 Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet Euro 7 fiċ-ċiklu tas-sewqan standard li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2030 wara r-rieżami speċifikat fl-Artikolu 18(5), bit-teknoloġija tal-motopropulsjoni (vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁)

Limiti ta' emissjonijiet	Vetturi M ₁ u N ₁				
	PEV	OVC-HEV	NOVC-HEV	FCV/FCH	ICEV
Teknoloġija tal-motopropulsjoni					
Emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet (PM ₁₀)					
Emissjonijiet f'numri ta' partikoli tal-brejkijiet (PN)					

Tabella 6 Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet Euro 7 fiċ-ċiklu tas-sewqan standard li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2030 wara r-rieżami speċifikat fl-Artikolu 18 (5), bit-teknoloġija tal-motopropulsjoni (vetturi tal-kategoriji M₂ u N₂)

Limiti ta' emissjonijiet	Vetturi tal-kategoriji M ₂ u N ₂				
Teknoloġija tal-motopropulsjoni	PEV	OVC-HEV	NOVC-HEV	FCV/FCH	ICEV
Emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet (PM ₁₀)					
Emissjonijiet f'numri ta' partikoli tal-brejkijiet (PN)					

Tabella 7 Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet Euro 7 fiċ-ċiklu tas-sewqan standard li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2034 wara r-rieżami speċifikat fl-Artikolu 18(5), bit-teknoloġija tal-motopropulsjoni (vetturi tal-kategoriji M₃ u N₃)

Limiti ta' emissjonijiet	Vetturi tal-kategoriji M ₃ u N ₃				
Teknoloġija tal-motopropulsjoni	PEV	OVC-HEV	NOVC-HEV	FCV/FCHV	ICEV
Emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet (PM ₁₀)					
Emissjonijiet f'numri ta' partikoli tal-brejkijiet (PN)					

Tabella 8 Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet Euro 7 fiċ-ċiklu ta' sewqan standard li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2035 għat-teknoloġiji kollha tal-motopropulsjoni, skont il-kategorija tal-vettura

Limiti ta' emissjonijiet	Vetturi tal-kategoriji M ₁ u N ₁	Vetturi tal-kategoriji M ₂ u M ₃	Vetturi tal-kategoriji N ₂ u N ₃
Emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet (PM ₁₀)	3 mg/km kull vettura		
Emissjonijiet f'numri ta' partikoli tal-brejkijiet (PN)			

Tabella 9 Il-limiti tal-brix tat-tajers Euro 7

Limiti tal-brix tat-tajers	Tajers C1	Tajers C2	Tajers C3
Tajers normali			
Tajers għall-borra			
Tajers għal użu speċjali			

ANNEX II

IR-REKWIŻITI MINIMI TAL-PRESTAZZJONI EURO 7 GĦAD-DURABBILTÀ TAL-BATTERIJI

Tabella 1: Ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni (MPR) Euro 7 għad-durabbiltà tal-batteriji għal vetturi tal-kategorija M₁

MPR ibbażati fuq l-enerġija tal-batterija	Mill-bidu tal-ħajja sa 5 snin jew 100 000 km skont liema jiġi l-ewwel	Vetturi ta' aktar minn 5 snin jew 100 000 km, u sa liema jiġi l-ewwel minn 8 snin jew 160 000 km	Vetturi sa tul ta' ħajja addizzjonali (*)
OVC-HEV	80 %	72 %	
PEV	80 %	72 %	

MPR ibbażati fuq l-awtonomija	Mill-bidu tal-ħajja sa 5 snin jew 100 000 km skont liema jiġi l-ewwel	Vetturi ta' aktar minn 5 snin jew 100 000 km, u sa liema jiġi l-ewwel minn 8 snin jew 160 000 km	Vetturi sa tul ta' ħajja addizzjonali (*)
OVC-HEV			
PEV			

(*) Kif speċifikat fl-Anness IV.

Tabella 2: Ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni (MPR) Euro 7 għad-durabbiltà tal-batteriji għal vetturi tal-kategorija N₁

MPR ibbażati fuq l-enerġija tal-batterija	Mill-bidu tal-ħajja sa 5 snin jew 100 000 km skont liema jiġi l-ewwel	Vetturi ta' aktar minn 5 snin jew 100 000 km, u sa liema jiġi l-ewwel minn 8 snin jew 160 000 km	Vetturi sa tul ta' ħajja addizzjonali (*)
OVC-HE	75 %	67 %	
PEV	75 %	67 %	

MPR ibbażati fuq l-awtonomija	Mill-bidu tal-ħajja sa 5 snin jew 100 000 km skont liema jiġi l-ewwel	Vetturi ta' aktar minn 5 snin jew 100 000 km, u sa liema jiġi l-ewwel minn 8 snin jew 160 000 km	Vetturi sa tul ta' ħajja addizzjonali (*)
OVC-HEV			
PEV			
(*) Kif speċifikat fl-Anness IV.			

Tabella 3: Ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni (MPR) Euro 7 għad-durabbiltà tal-batteriji għal vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃

MPR ibbażati fuq l-Enerġija tal-Batterija	Vetturi fil-ħajja prinċipali (*)	Vetturi f'ħajja addizzjonali (*)
OVC-HEV		
PEV		
(*) Kif speċifikat fl-Anness IV.		

KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST

Tabella 1 Il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità tal-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost bi kwalunkwe fjuwil u lubrikant tas-suq fil-limiti tal-ispeċifikazzjonijiet maħruġa mill-manifattur

Kejl tal-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju	Kejl tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE)
Għat-testijiet kollha tal-emissjonijiet tal-egżost imwettqa bl-użu taċ-ċiklu tat-test tax-xażi dinamometriku tal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP), għandu japplika r-Regolament tan-NU Nru 154 (*). Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-Livell 1A (WLTP b'erba' fażijiet).	Għat-testijiet tal-RDE mwettqa fit-triq, għandu japplika r-Regolament tan-NU Nru 168 (**), bl-evalwazzjoni tal-emissjonijiet issodisfata fir-rigward tad-WLTP b'erba' fażijiet.

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 154 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP), Serje ta' emendi 02.

(**) Regolament tan-NU Nru 168, Verżjoni oriġinali.

Tabella 2 Il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità tal-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃ mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost bi kwalunkwe fjuwil u lubrikant tas-suq fil-limiti tal-ispeċifikazzjonijiet maħruġa mill-manifattur

Kejl tal-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju	Kejl tal-RDE
Għat-testijiet kollha tal-emissjonijiet tal-egżost imwettqa bl-użu taċ-ċiklu tat-test tal-bank tal-magna tad-WHTC/WHSC, għandu japplika l-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 49 (*).	Anness 8 tar-Regolament tan-NU Nru 49 għandu japplika bl-adattamenti li ġejjin: (i) il-punt A.1.4.2.2.2.1. tal-Appendiċi 1 tal-Anness 8 tar-Regolament tan-NU Nru 49 għandu jaqra kif ġej: "It-twieqi validi huma t-twieqi li l-potenza medja tagħhom taqbeż il-limitu ta' potenza ta' 6 % tal-potenza massima tal-magna"(ii) b'rabta mal-fattur ta' konformità (CF) fit-Tabella 2 tal-punt 6.3 tal-Anness 8 tar-Regolament tan-NU Nru 49 il-valur = 1.0 għandu jintuża għall-inkwinanti kollha; il-limiti applikabbli għandhom ikunu l-limiti tal-RDE fit-Tabella 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 49, serje 07 ta' emendi.

Tabella 3 Il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet evaporattivi

	Kundizzjonijiet tal-ittestjar
Test SHED (*) tal-emissjonijiet evaporattivi	Għandu japplika r-Regolament tan-NU Nru 154, Livell 1A (WLTP b'erba' fażijiet (**).

(*) SHED: Kompartiment siġillat għad-determinazzjoni tal-evaporazzjoni.
(**) Ir-Regolament tan-NU Nru 154, is-serje 02 ta' emendi.

Tabella 4 Il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet

	Vetturi tal-kategoriji M ₁ u N ₁	Vetturi tal-kategoriji tat-tip M ₂ , M ₃ , N ₂ u N ₃
Test tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet	Ittestjar skont ir-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 24 dwar l-emissjonijiet tal-brejkijiet	

Tabella 5 Il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità mal-limiti tal-brix tat-tajers

	Klassi tat-tajers C1	Klassi tat-tajers C2	Klassi tat-tajers C3
Test tal-limiti tal-brix tat-tajers	Abbażi tal-metodoloġiji tal-ittestjar żviluppati fil-UN WP.29 għall-ittestjar tal-brix tat-tajers f'kundizzjonijiet reali	Abbażi tal-metodoloġiji tal-ittestjar żviluppati fil-UN WP.29 għall-ittestjar tal-brix tat-tajers f'kundizzjonijiet reali	Abbażi tal-metodoloġiji tal-ittestjar żviluppati fil-UN WP.29 għall-ittestjar tal-brix tat-tajers f'kundizzjonijiet reali

ANNEX IV

IR-REKWIŻITI TAL-ĦAJJA

Tabella 1: It-tul ta' ħajja tal-vetturi, tal-magni u tas-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis

It-tul ta' ħajja tal-vetturi, tal-magni u tal-apparati ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis	M ₁ , N ₁ u M ₂	N ₂ , N ₃ ≤16 t (*), M ₃ ≤7,5 t (*)	N ₃ >16 t (*), M ₃ >7,5 t (*)
Tul tal-ħajja prinċipali	Sa 160 000 km jew 8 snin, skont liema jiġi l-ewwel	300 000 km jew 8 snin, skont liema jiġi l-ewwel	700 000 km jew 12-il sena, skont liema jiġi l-ewwel
Tul ta' ħajja addizzjonali	Wara l-ħajja prinċipali u sa 200 000 km jew 10 snin, skont liema jiġi l-ewwel	Wara l-ħajja prinċipali u sa 375 000 km jew 10 snin, skont liema jiġi l-ewwel	Wara l-ħajja prinċipali u sa 875 000 km jew 15-il sena, skont liema jiġi l-ewwel

(*) Il-massa massima.

Tabella 2: Il-multiplikaturi tad-durabbiltà applikabbli għall-aġġustament tal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost skont l-Anness 1 meta jiġu ttestjati l-vetturi, il-magni u l-apparati ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis matul ħajja addizzjonali

Multiplikaturi tad-durabbiltà	M ₁ , N ₁ u M ₂	N ₂ , N ₃ ≤16 t (*), M ₃ ≤7,5 t (*)	N ₃ >16 t (*), M ₃ >7,5 t (*)
Multiplikatur tad-durabbiltà għal tul ta' ħajja addizzjonali	1,2 għall-inkwinanti gassużi		

(*) Il-massa massima.

APPLIKAZZJONI TAR-REKWIŻITI TAT-TEST U TAD-DIKJARAZZJONIJIET

Tabella 1: Applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Inkwinanti gassużi u PN fl-ittestjar fit-triq (RDE)	Test ta' dimostrazzjoni meħtieġ għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, it-tagħbijiet utli kollha u t-tipi ta' vetturi applikabbli kollha	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN, CO ₂ , il-konsum tal-fjuwil (OBFCM), il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika (id-durabbiltà tal-batterija) (WLTP f'temperatura ta' 23 °C)	Test meħtieġ għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip	Meħtieġ għall-emissjonijiet tal-egżost u l-OBFCM	Meħtieġ għall-emissjonijiet tal-egżost, l-OBFCM u għall-monitors SOH tad-durabbiltà tal-batterija
Korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas-CO ₂ (WLTP f'temperatura ta' 14 °C)	Dikjarazzjoni (*)	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Dikjarazzjoni li hija installata sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew rotta għall-iżbakk tal-egżost (*)	Meħtieġa	Fakultattivi
Test tal-emissjonijiet evaporattivi	Meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
It-tħaddim korrett ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-tniġġis	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Durabbiltà tal-batterija	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa
Test fil-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Test fil-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-awtonomija elettrika	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Sistema dijanjostika abbord	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Monitoraġġ abbord	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Teknoloġiji tal-geofencing (fejn applikabbli)	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa

(*) L-awtorità tal-approvazzjoni tista' jeħtieġ li jitwettaq test.

Tabella 2: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁ għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Inkwinanti gassużi u PN fl-ittestjar fit-triq (RDE)	Test ta' dimostrazzjoni meħtieġ għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, it-tagħbijiet utli kollha u t-tipi ta' vetturi applikabbli kollha	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN, CO ₂ , il-konsum tal-fjuwil (OBFCM), il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika (id-durabbiltà tal-batterija) (WLTP f'temperatura ta' 23 °C)	Test meħtieġ għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip	Verifiki jew ittestjar fakultattiv	Meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas-CO ₂ (WLTP f'temperatura ta' 14 °C)	Dikjarazzjoni (*)	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Dikjarazzjoni li hija installata sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew rotta għall-iżbokk tal-egżost (*)	Verifiki jew ittestjar fakultattiv	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Test tal-emissjonijiet evaporattivi	Meħtieġa	Verifiki jew ittestjar fakultattiv	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Tħaddim ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-tniġġis	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Durabbiltà tal-batterija	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Test fil-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Test fil-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-awtonomija elettrika	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Sistema dijanjostika abbord	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Monitoraġġ abbord	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi
Teknoloġiji tal-geofencing (fejn applikabbli)	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi

(*) L-awtorità tal-approvazzjoni tista' jeħtieġ li jitwettaq test.

Tabella 3: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test, tad-dikjarazzjonijiet u rekwiżiti oħra għall-approvazzjoni tat-tip u estensjonijiet għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃ għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN u CO ₂ , konsum tal-fjuwil (WHTC u WHSC)	Meħtieġa fuq il-magna referenzjarja tal-familja ta' emissjonijiet u dikjarazzjoni għall-membri tal-familja kollha (*); (**)	Meħtieġa fuq magna barra mill-familja (***)	Mhux meħtieġa
Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M ₂ , M ₃ , N ₂ u N ₃)	It-testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha (**)	Mhux meħtieġa	Test meħtieġ fuq vettura bi kwalunkwe fjuwil u fuq kwalunkwe kategorija ta' vettura u kwalunkwe tagħbija utli għat-tipi kollha ta' magni kull sentejn (***)
Determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ , tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, tal-awtonomija b'emissjonijiet zero u tal-awtonomija elettrika ta' vettura	Liċenzja għall-operar tal-għodda ta' simulazzjoni VECTO, ċertifikazzjoni tal-komponenti.	Għall-komponenti. Kontroll tal-użu VECTO (erba' darbiet fis-sena)	Meħtieġa
Proċedura ta' ttestjar tal-verifika	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Verifika tal-installazzjoni ta' sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew tar-rotta għall-iżbokk tal-egżost (**)	Mhux meħtieġa	Fakultattivi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni (**)	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Tħaddim ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-t-niġġis	Dikjarazzjoni (**)	Mhux meħtieġa	Fakultattivi (***)
Durabbiltà tal-batterija	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa (**)	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Sistema dijanjostika abbord (il-livell tal-familja OBD)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Monitoraġġ abbord (il-livell tal-familja OBM)	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa
OBFCM (kejl abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, kif ukoll tat-tagħbija utli)	Meħtieġa	Meħtieġa	Meħtieġa
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Teknoloġiji tal-geofencing (fejn applikabbli)	Dikjarazzjoni u dimostrazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa

(*) Appoġġata mid-*data* tal-ittestjar tal-magna tal-klassifikazzjonijiet kollha tal-potenza.

(**) Fil-każ ta' vettura b'sistema ta' magna tat-tip approvat fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur tal-magna huwa responsabbli biex juri l-konformità tal-vettura f'dan it-test (il-magna għandha approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata).

(***) Fil-każ ta' vettura b'sistema ta' magna tat-tip approvat fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur tal-magna huwa responsabbli biex juri l-konformità tal-vettura f'dan it-test meta jkun hemm qbil mal-manifattur tal-vettura skont l-Artikolu 9.

Tabella 4: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃ għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Inkwinanti gassużi u PN fl-it-testjar fit-triq (RDE) għal kull fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M ₂ , M ₃ , N ₂ u N ₃)	It-testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha (**)	(Ara r-rekwiżiti tal-magna)	Meħtieġa kull sena għal għadd adegwat ta' tipi ta' vetturi fuq kwalunkwe fjuwil u fuq kwalunkwe kategorija ta' vetturi koperti mill-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet (***)	Fakultattivi	Meħtieġa/Fakultattivi	Fakultattivi
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN u CO ₂ , konsum tal-fjuwil (WHTC u WHSC)	Meħtieġa fuq il-magna referenzjarja tal-familja ta' magni u dikjarazzjoni għall-membri tal-familja kollha (*); (**)	Meħtieġa fuq magna barra mill-familja ta' magni (**)	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa
Determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ , tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, tal-awtonomija b'emissjonijiet żero u tal-awtonomija elettrika ta' vettura	Ħruġ ta' liċenzja għall-operar tal-għodda ta' simulazzjoni VECTO; ħruġ ta' ċertifikati tal-komponenti	Għall-komponenti	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi
Proċedura ta' ttestjar tal-verifika	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Verifika tal-installazzjoni ta' sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew tar-rotta għall-iżbokk tal-egżost	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Tħaddim ta' sistemi li jużaw reaġent konsumabbli u sistemi għall-kontroll tat-tniġġis	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Durabbiltà tal-batterija	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa (**)	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Sistema dijanjostika abbord (il-livell tal-familja OBD)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi
Monitoraġġ abbord (il-livell tal-familja OBM)	Dikjarazzjoni u dimostrarazzjoni	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi
OBFCM (kejl abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija elettrika, kif ukoll tat-tagħbija utli)	Meħtieġa	Meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni (**)	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi
Teknoloġiji tal-geofencing (fejn applikabbli)	Dikjarazzjoni u dimostrarazzjoni	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Meħtieġa	Fakultattivi

(*) Appoġġata mid-*data* tal-ittestjar tal-magna tal-klassifikazzjonijiet kollha tal-potenza.

(**) Fil-każ ta' vettura b'sistema ta' magna tat-tip approvat fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur tal-magna huwa responsabbli biex juri l-konformità tal-vettura f'dan it-test (il-magna għandha approvazzjoni tat-tip bħala unità teknika separata).

(***) Fil-każ ta' vettura b'sistema ta' magna tat-tip approvat fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur tal-magna huwa responsabbli biex juri l-konformità tal-vettura f'dan it-test meta jkun hemm qbil mal-manifattur tal-vettura skont l-Artikolu 9.

Tabella 5: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test, tad-dikjarazzjonijiet u rekwiżiti oħra għall-approvazzjoni tat-tip u estensjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip għal trejlers tal-kategoriji O₃ u O₄ għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
L-effiċjenza enerġetika tat-trejlers	Ħruġ ta' liċenzja għall-operar tal-għodda ta' simulazzjoni VECTO; ħruġ ta' ċertifikati tal-komponenti	Għall-komponenti	Fakultattiva

Tabella 6: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip għal trejlers tal-kategoriji O₃ u O₄ għall-Istati Membri, il-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
L-effiċjenza enerġetika tat-trejlers	Ħruġ ta' liċenzja għall-operar tal-għodda ta' simulazzjoni VECTO; ħruġ ta' ċertifikati tal-komponenti	Għall-komponenti	Mhux meħtieġa	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi

Tabella 7: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-magni maħsuba għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃ għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test għal kull fjuwil	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN u CO ₂ , konsum tal-fjuwil (WHTC u WHSC)	Meħtieġa fuq il-magna referenzjarja tal-familja ta' magni u dikjarazzjoni għall-membri tal-familja kollha (**)	Meħtieġa fuq magna barra mill-familja ta' magni	Imwettqa biss bil-vettura sħiħa bħal fit-Tabelli 3 u 4
Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull tip ta' fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M ₂ , M ₃ , N ₂ u N ₃)	It-testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha	Mhux meħtieġa	
Testijiet tal-magna għall-verifika tad-data meħtieġa għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂	Meħtieġa	Meħtieġa	
Riġenerazzjoni kontinwa/perjodika	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Verifika tal-installazzjoni ta' sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew tar-rotta għall-iżbokk tal-egżost	Mhux meħtieġa	
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa	Mhux meħtieġa	
Sistema dijanjostika abbord (il-livell tal-familja OBD)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	
Monitoraġġ abbord (il-livell tal-familja OBM)	Imwettqa biss bil-vettura sħiħa bħal fit-Tabelli 3 u 4	Mhux meħtieġa	
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni (*)	Mhux meħtieġa	

(*) Biss jekk il-manifattur tal-magna jipprovdi dawk is-sistemi flimkien mal-magna.
(**) Appoġġata mid-data tal-ittestjar tal-magna tal-klassifikazzjonijiet kollha tal-potenza.

Tabella 8: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip u l-estensjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-magni maħsuba għall-vetturi tal-kategoriji M₂, M₃, N₂ u N₃ għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test għal kull fjuwil	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz	Testijiet ta' sorveljanza tas-suq
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	—	—
Emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi, PM, PN u CO ₂ u konsum tal-fjuwil (WHTC u WHSC)	Meħtieġa fuq il-magna referenzjarja u dikjarazzjoni għall-membri tal-familja kollha tal-magna (**)	Verifika jew ittestjar fakultattiv	Imwettqa biss bil-vettura sħiħa bħal fit-Tabelli 3 u 4	Imwettqa biss bil-vettura sħiħa bħal fit-Tabelli 3 u 4
Inkwinanti gassużi, PN fl-ittestjar fit-triq (RDE) għal kull tip ta' fjuwil u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli (M ₂ , M ₃ , N ₂ u N ₃)	It-testijiet ta' dimostrarazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, għat-tagħbijiet utli kollha u għall-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha	Mhux meħtieġa		
Testijiet tal-magna għall-verifika tad-data meħtieġa għad-determinazzjoni tas-CO ₂	Meħtieġa	Meħtieġa		
Riġenerazzjoni kontinwa/perjodika	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa		
Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank	Verifika tal-installazzjoni ta' sistema magħluqa tal-kaxxa tal-krank jew tar-rotta għall-iżbokk tal-egżost	Mhux meħtieġa		
Durabbiltà tas-sistemi tal-kontroll ta' emissjonijiet	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa		
Determinazzjoni tal-potenza	Meħtieġa	Mhux meħtieġa		
Sistema dijanjostika abbord (il-livell tal-familja OBD)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa		
Monitoraġġ abbord (il-livell tal-familja OBM)	Imwettqa biss bil-vettura sħiħa bħal fit-Tabelli 3 u 4			
Potenza tal-magna	Meħtieġa	Mhux meħtieġa		

Rekwiżiti tat-test għal kull fjuwil	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz	Testijiet ta' sorveljanza tas-suq
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	—	—
Kontra t-tbagħbis, is-sigurtà u ċ-ċibersigurtà	Dikjarazzjoni u dokumentazzjoni (*)	Mhux meħtieġa		

(*) Biss jekk il-manifattur tal-magna jipprovdi dawk is-sistemi flimkien mal-magna.
(**) Appoġġata mid-*data* tal-ittestjar tal-magna tal-klassifikazzjonijiet kollha tal-potenza.

Tabella 9: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Dimostrazzjoni tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà b'partijiet soġġetti għal proċess ta' tiqdim	Meħtieġa/Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi
Verifika tar-rekwiżit tad-durabbiltà fil-ħajja reali (test RDE b'vetturi soġġetti għal proċess ta' tiqdim)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi

Tabella 10: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test u tad-dikjarazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi għall-kontroll tat-tniġġis għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Dimostrazzjoni tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà b'partijiet soġġetti għal proċess ta' tiqdim	Meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi	Fakultattivi
Verifika tar-rekwiżit tad-durabbiltà fil-ħajja reali (test RDE b'vetturi soġġetti għal proċess ta' tiqdim)	Dikjarazzjoni	Mhux meħtieġa	Fakultattivi	Fakultattivi	Meħtieġa	Fakultattivi

Tabella 11: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi tal-brejkijiet għall-manifatturi

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz
Test tal-emissjonijiet tas-sistema tal-brejkijiet fiċ-ċiklu tal-brejk tad-WLTP	Meħtieġa	Meħtieġa	Mhux meħtieġa

Tabella 12: L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-test għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi tal-brejkijiet għall-Istati Membri, għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi rikonoxxuti

Rekwiżiti tat-test	Testijiet u rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet	Testijiet ta' konformità tal-produzzjoni	Testijiet ta' konformità waqt is-servizz		Testijiet ta' sorveljanza tas-suq	
Attur rilevanti	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti	Awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq	Kummissjoni u partijiet terzi rikonoxxuti
Test tal-emissjonijiet tas-sistema tal-brejkijiet fiċ-ċiklu tal-brejk tad-WLTP	Meħtieġa	Verifika jew ittestjar fakultattiv	Mhux meħtieġa	Fakultattiv għall-verifika tas-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni	Fakultattiv għall-verifika tas-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni	Fakultattiv għall-verifika tas-sehem tal-ibbrejkjar bil-frizzjoni

ANNEX VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

1. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	Artikolu 1(2)
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(2)	Artikolu 5(2)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 4(2)
Artikolu 4(2)	Artikolu 7(1)
Artikolu 4(3)	Artikolu 7(4)
Artikolu 4(4)	Artikolu 14(3) u (4)
Artikolu 5(1)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5(2)	Artikolu 4(5)
Artikolu 5(3)	Artikolu 14
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	—
Artikolu 13	Artikolu 19
Artikolu 14	—
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16	—
Artikolu 17	Artikolu 20
Artikolu 18	Artikolu 21
Anness I	Anness I
Anness II	—

2. Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2
Artikolu 2, it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 2, it-tielet subparagrafu	—
Artikolu 2, ir-raba' subparagrafu	—
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 7(1)
Artikolu 4(3)	Artikolu 14
Artikolu 5(1)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5(2)	Artikolu 4(4)
Artikolu 5(3)	Artikolu 4(5)
Artikolu 5(4)	Artikolu 14
Artikolu 5a	Artikolu 4(6)
Artikolu 5b	Artikolu 10(6) u (7)
Artikolu 5c(a)	Artikolu 14(4)(d)
Artikolu 5c(b)	Artikolu 14(4)(j)
Artikolu 5c(c)	Artikolu 14(4)(b)
Artikolu 7	Artikolu 12
Artikolu 8	Artikolu 10(6) u Artikolu 10(7)
Artikolu 9	Artikolu 11
Artikolu 10	—
Artikolu 11	Artikolu 19
Artikolu 12	—
Artikolu 13	Artikolu 17
Artikolu 13a	Artikolu 17
Artikolu 14	—
Artikolu 15	—
Artikolu 16	—
Artikolu 17	Artikolu 20
Artikolu 18	Artikolu 21
Anness I	Anness I
Anness II	—